





BANK ĊENTRALI EWROPEW

EUROSISTEMA



L-ISTORJA
TAL-KARTI
TAL-FLUS U
L-MUNITI
TAL-EURO
FIL-QOSOR

KIF L-EURO SAR FLUSNA



KIF L-EURO SAR FLUSNA

**L-ISTORJA TAL-KARTI
TAL-FLUS U L-MUNITI TAL-
EURO FIL-QOSOR**

KELMTEJN TA' QABEL 7

KAPITLU I GĦAXAR SNIN TA' THEJJJA 9

Frug tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro	10
L-għażla tal-isem għall-munita u l-ħolqien tas-simbolu €	10
L-iffissar tad-denominazzjonijiet	12
L-għażla taż-żmien għall-introduzzjoni tal-munita l-għdida	12

KAPITLU 2 DISINN 17

L-għażla tat-tema għad-disinn tal-karti tal-flus	18
Il-ħolqien ta' karti tal-flus li huma faċli fl-użu	22
Klassifika tad-disinji	22
Konsultazzjoni pubblika u d-deċiżjoni finali	24
Disinn tal-muniti tal-euro	28
Tħejjija tad-disinji finali	30
Struzzjonijiet dwar id-disinn għal sensiela ta' karti tal-flus tal-euro	32
Appendiċi:	33
Silta mill-istruzzjonijiet dwar id-disinn għall-karti tal-flus tal-euro	33

KAPITLU 3 PRODUZZJONI 35

Stampar ta' prototipi tal-karti tal-flus	36
Karti tal-flus tat-test	36
Il-ħolqien tal-pjanċi għall-istampar	37
Prova mingħajr produzzjoni	38
It-twaqqif ta' sistema għall-maniġġ tal-kwalità	40
Kwistjonijiet legali u ta' sigurtà mal-fornituri	41
Kif issir il-karta	42
Stampar	44
Il-maniġġ tal-produzzjoni ta' kwantità kbira ta' karti tal-flus tal-euro	48
Nota dwar is-saħħa	49

KAPITLU 4 IL-BIDLA

L-istima dwar l-ammont ta' karti tal-flus li kellhom jiġu stampati	51
Ċirkolazzjoni tal-karti tal-flus u ħażniet tal-karti tal-flus	52
Skema għall-maniġġ tal-ħażna għall-bidla	54
Tqassim kmieni ta' karti tal-flus u muniti	55
<i>Frontloading</i> u <i>sub-frontloading</i>	56
L-iffaċilitar tal-bidla tal-flus għall-bejjieġha bl-imnut	59
Il-ħruġ tal-kontanti tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni	60
L-irtirar tal-karti tal-flus u tal-muniti nazzjonali	60
Adattament tal-magni għall-ġbid tal-flus u tal-magni mħaddma bil-kontanti	62
Tisrif tal-karti tal-flus nazzjonali bir-rata nominali	64

KAPITLU 5 KOMUNIKAZZJONI

Tħejjija tal-pubbliku għall-bidla	69
Kampanja ta' Informazzjoni Euro 2002	70


Programm ta' assoċjazzjoni	73
Tħabrik għall-komunikazzjoni nazzjonali	74
Riċerka għall-kampanja	76
Websajt tal-kampanja	78
Attivitajiet tal-istampa u relazzjonijiet pubbliċi	79
Kampanja fil-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa	80

KAPITLU 6 KARATTERISTIĊI TAS-SIGURTÀ TAL-KARTI TAL-FLUS TAL-EURO

Ħoss	83
Ħares	84
Mejjel	85
Idċekkja b'lampa ultravjola	86
Idċekkja b'lenti	87
Kont taf?	87

KAPITLU 7 ŻVILUPPI ATTWALI U FUTURI

89



KIF L-EURO SAR FLUSNA KELMTEJN TA' QABEL



Il-munita unika tal-Ewropa – l-euro – inħolqot fl-1 ta' Jannar 1999. Iżda għall-ewwel tliet snin, baqgħet munita "virtwali", użata l-iżjed mill-banek u s-swieq finanzjarji. Għall-biċċa l-kbira tan-nies, ma saritx munita "vera", viżibbli u tanġibbli qabel l-1 ta' Jannar 2002. Dik kienet id-data meta ġew introdotti l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro. Issa dawn saru parti mill-ħajja ta' kuljum għal iżjed minn 300 miljun ruħ fl-Ewropa.

L-introduzzjoni tal-flus il-ġodda fi 12-il pajjiż Ewropew – bħall-introduzzjoni tal-munita nnifisha – kienet ġrajja storika, li kienet tinvolvi snin ta' ppjanar u tħejjija bir-reqqa. "Kif l-euro sar flusna" jirrakkonta l-ġrajjiet ta' din l-istorja: il-ktieb ikopri s-sensiela twila ta' deċiżjonijiet u azzjonijiet li wasslu dawn il-flus mit-tavlozza tad-disinn sal-istamperija, mill-bank ċentrali sal-portafoll.

Kien hemm għadd kbir ta' sfidi – kif ukoll diffikultajiet u riskji – li kellhom jiġu meġhluha mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), mill-banek ċentrali u mill-gvernijiet tal-pajjiżi taż-żona tal-euro, mill-Kummissjoni Ewropea, mill-istamperiji tal-karti tal-flus, miz-zekki kif ukoll min-nies f'ħafna oqsma oħra, speċjalment il-banek u l-ħwienet.

It-tħejjijiet loġistiċi għall-karti tal-flus u l-muniti bdew fl-1992, meta ħadd ma kien jaf kif kienu se

jkunu, u meta l-munita l-għdida lanqas biss kellha isem definittiv. Fl-1966 instab tarf il-kwistjoni tad-disinn meta l-predeċessur tal-BĊE, l-Istitut Monetarju Ewropew, għażel id-disinji finali wara li nieda kompetizzjoni. Sal-1998, saret l-ewwel stampa bi prova. Il-kunsinna tal-flus kontanti lill-banek u l-ħwienet bdiet erba' xhur qabel jum l-€, l-1 ta' Jannar 2002. Tul dan il-perijodu, ġew modifikati miljuni ta' magni għall-għbid tal-flus u magni tal-bejgħ fiż-żona tal-euro.

Il-komunikazzjoni kienet ukoll parti essenzjali tat-tħejjijiet. Kien meħtieġ li kulħadd ikun jaf x'dehra kien se jkollu l-euro u kif setgħu jinbidlu l-flus il-qodma għall-munita l-għdida. Il-messaġġ twassal bliżjed mod komprensiv permezz ta' riklami fuq it-TV, avviżi stampati, l-internet u mezzi oħra, u hawnhekk kellha rwol ċentrali il-Kampanja ta' Informazzjoni 2002 dwar l-Euro, immexxija mill-BĊE u t-12-il bank ċentrali nazzjonali fiż-żona tal-euro. Il-gvernijiet, l-istituzzjonijiet pubbliċi kif ukoll organizzazzjonijiet kummerċjali u volontarji ħadmu wkoll flimkien biex jiżguraw li l-informazzjoni tasal għand kulħadd.

Fl-aħħar, il-munita l-għdida ġiet introdotta bla xkiel, u l-karti tal-flus u l-muniti l-ġodda saru parti integrali ta' ħajjitna, kemm f'pajjiżna kif ukoll barra l-pajjiż. Nispera li tiegħu gost taqra kif sar dan kollu, jiġifieri kif il-flus kontanti tal-euro saru flusna.

Jean-Claude Trichet
President tal-Bank Ċentrali Ewropew





KAPITLU I

GĦAXAR SNIN TA' TĦEJJIJA

*Il-bini tal-Gvern, Limburg, f'Maastricht, fejn iltaqa' l-Kunsill Governattiv tal-BĊE biex
jiċċelebra l-għaxar anniversarju tat-Trattat ta' Maastricht, li ġie ffirmat fl-1992.*

ĦRUĠ TAL-KARTI TAL-FLUS U L-MUNITI TAL-EURO

Il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro daħlu fiċ-ċirkolazzjoni fl-2002, iżda l-ippjanar u t-tħejjija għal dan bdew kmieni fis-snin '90. Fis-7 ta' Frar 1992, ġie ffirmat it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea f'Maastricht. Dan jiddeskrivi l-kompetenzi tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-gvernijiet u l-banek ċentrali tat-12-il pajjiż taż-żona tal-euro għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħruġ tal-flus kontanti tal-euro. Dan jistipula li l-BĊE għandu d-dritt esklussiv li jawtorizza l-ħruġ tal-karti tal-flus fiż-żona tal-euro, iżda kemm il-BĊE kif ukoll il-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) jistgħu joħroġhom. Madankollu, billi l-BĊE mhux involut f'operazzjonijiet ta' flus kontanti, huma l-BĊN li fil-fatt iqiegħdu l-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni u jirtirawhom, jipproċessawhom u jaħżnuhom.

Il-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni jidhru fil-karti tal-bilanċ tal-BĊE u tal-BĊN skond skema fissa, mingħajr ma jitqies f'liema pajjiż ikunu qed jiċċirkolaw. Infatti, ma jistax jiġi stabbilit l-għadd ta' karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'xi pajjiż individwali minħabba l-flussi ta' flus kontanti trans-konfini fiż-żona tal-euro, li ma jiġux irreġistrati minħabba fatturi bħal, per eżempju, it-turiżmu.


Ir-responsabbiltà għall-muniti tal-euro hi tal-gvernijiet nazzjonali, u tiġi kkoordinata mill-Kummissjoni Ewropea fi Brussell. Il-gvernijiet taż-żona tal-euro huma l-entitajiet legali li joħroġu l-muniti tal-euro, u bħala tali, huma responsabbli għad-disinji u l-karatteristiċi tekniċi tal-muniti u għall-istampar tagħhom. Madankollu, il-BĊE hu responsabbli biex kull sena japprova l-ħruġ ta' volum ta' muniti tal-euro; dan jaġixxi wkoll bħala assessur indipendenti tal-kwalità tal-muniti stampati.

L-GĦAŻLA TAL-ISEM GĦALL-MUNITA U L-ĦOLQIEN TAS-SIMBOLU €

Waqt il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Madrid f'Diċembru 1995, il-mexxejja Ewropej iddeċidew dwar l-isem il-ġdid tal-munita: l-euro. Suġġerimenti oħra ma ntlagħhux minħabba l-konnotazzjonijiet nazzjonali tagħhom. Dawn kienu jinkludu l-ismijiet "ducat", "ecu", "florin", "franken" jew l-użu ta' l-euro bħala prefiss għal ismijiet ta' muniti ta' dak iż-żmien – per eżempju "euromark". Intlaħaq qbil dwar il-fatt li l-isem kellu jkun l-istess fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Unjoni Ewropea (UE), waqt li kellhom jitqiesu l-alfabeti differenti, u l-faċilità fit-tlissin tal-kelma. Fuq kollox, il-kelma kellha tkun sempliċi u rappreżentattiva tal-Ewropa.

Il-munita kienet teħtieġ simbolu wkoll. Bħall-isem, is-simbolu kellu jkun assoċjat mill-qrib mal-Ewropa, ikun faċli biex jinkiteb u attraenti. L-istaff tal-Kummissjoni Ewropea għamel lista ta' tletin simbolu possibbli, li tnaqqset għal għaxra, u dwar dawn l-għaxra sar stħarriġ pubbliku. Minn din il-lista mqassra, ħarġu żewġ simboli possibbli, u l-għażla finali saret mill-President tal-Kummissjoni ta' dak iż-żmien, Jacques Santer, u minn Yves-Thibault de Silguy, il-Kummissarju għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ta' dak iż-żmien.

L-ispirazzjoni għas-simbolu tal-euro ġiet mill-ittra Griega epsilon, li tirrifletti l-benniena taċ-ċivilità Ewropea. Naturalment l-E hi l-ewwel ittra tal-kelma Ewropa. Iż-żewġ linji qawwija u paralleli huma maħsuba li jissimbolizzaw l-istabbiltà tal-munita. It-taqkira uffiċjali tal-euro, EUR, ġiet irreġistrata mal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni (ISO).



Is-simbolu tal-euro skond l-istandards ISO. Iż-żewġ linji paralleli huma maħsuba bħala enfasi fuq l-istabbiltà tal-munita.

L-IFFISSAR TAD-DENOMINAZZJONIJIET

F'Novembru 1994, il-Kunsill tal-Istitut Monetarju Ewropew (EMI), il-predeċessur tal-BĊE, iddeċieda dwar sensiela ta' 1:2:5 għas-seba' denominazzjonijiet tal-karti tal-flus tal-euro: €10 u €100; €20 u €200; u €5, €50 u €500. Din is-sensiela timxi fuq it-tqassim komuni tad-denominazzjonijiet ta' ħafna mill-muniti tad-dinja u hi l-istess bħas-sensiela tal-muniti tal-euro: ċenteżmu, 10 ċenteżmi u €1; 2 ċenteżmi, 20 ċenteżmu u €2; 5 ċenteżmi u 50 ċenteżmu, kif miftiehem mill-Kunsill Ekonomiku u Finanzjarju (Ecofin).

Id-deċizzjoni li jkun hemm karta tal-flus ta' valur għoli - €500 – ittiegħdet wara valutazzjoni bir-reqqa. Qabel il-bidla għall-flus kontanti tal-euro, sitta mill-pajjiżi taż-żona tal-euro – l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, l-Italja, il-Lussemburgu u l-Olanda – kellhom karti tal-flus nazzjonali ta' valur bejn il-€200 u l-€500, u l-użu tagħhom kien qed jizjed. Per eżempju, fis-sena 2000, id-domanda għall-karti ta' DM 1,000 (ekwivalenti għal €511) kien 15-il darba ogħla milli kien fl-1975 u kien jirrappreżenta 34% tal-valur totali tal-karti tad-Deutsche Mark fiċ-ċirkolazzjoni. Barra dan, f'pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea b'sistemi monetarji relattivament instabbli, fejn l-inflazzjoni hi għolja u/jew fejn ftit hemm fiduċja fis-sistema bankarja, in-nies spiss iżommu munita b'inflazzjoni baxxa bħala maħżen ta' valur. Qabel l-introduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro, kienu jinżammu l-karti ta' valur għoli bħalma kienet dik ta' DM 1,000.

Qabel il-bidla għall-euro, tliet pajjiżi tal-UE – il-Ġreċja, l-Italja u l-Awstrija – kienu jużaw karti tal-flus ta' valur baxx ħafna (inqas minn €2). Iżda l-ħruġ ta' denominazzjonijiet kemm għoljin ħafna kif ukoll baxxi ħafna kien joħloq serje ta' karti tal-flus b'wisq denominazzjonijiet. Dan kien ukoll jagħmel l-użu tagħhom iżjed diffiċli għall-utenti, u l-maniġġ u l-ħażna tagħhom kienu jkunu iżjed ikkumplikati. Għalhekk, intaġħzlet iż-€2 bħala l-munita bl-għola valur u l-€5 bħala l-karta tal-flus bl-iżjed valur baxx.

L-GĦAŻLA TAŻ-ŻMIEN GĦALL-INTRODUZZJONI TAL-MUNITA L-ĠDIDA

Waqt il-laqqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Madrid, il-kapijiet ta' stat u gvern qablu li l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kellhom jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni flimkien mal-muniti nazzjonali mhux iżjed tard mill-1 ta' Jannar 2002. Id-data preċiża, bejn l-1 ta' Jannar 1999 u l-1 ta' Jannar 2002, ma ġietx speċifikata biex jitqiesu l-preferenzi differenti ta' utenti diversi tal-flus kontanti u taż-żmien twil meħtieġ għat-tħejjija tal-istampar tal-karti tal-flus u l-muniti.

Id-data tal-1 ta' Jannar 2002 kellha kemm vantaġġi kif ukoll żvantaġġi. Il-perijodu meta l-iżjed jintużaw il-karti tal-flus hu dak ta' tmiem is-sena: iċ-ċirkolazzjoni hi ta' madwar 10% ogħla mill-medja minħabba l-perijodu tal-Milied, u l-ewwel ftit ġranet ta' Jannar huma tradizzjonalment żmien ta' bejgħ imraħħas u ta' inventarju għall-bejjieġha bl-immn. Ġew ikkunsidrati għadd ta' dati oħra, iżda fl-aħħar, intlaħaq ftehim dwar l-1 ta' Jannar 2002 li tqieset bħala l-iżjed data konvenjenti, data li timmarka l-bidu tas-sena kalendarja, u li kienet id-data mistennija mill-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali. Il-Kunsill Ewropew ta' Madrid iddeċieda wkoll li l-euro kellu jiċċirkola flimkien mal-muniti nazzjonali għal massimu ta' sitt xhur, għalkemm iżjed tard, ġew diskussi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tat-tqassir ta' dan il-perijodu. Perijodu iqsar kien inaqqas l-ispejjeż tal-maniġġ ta' żewġ muniti fl-istess ħin għall-banek, il-bejjieġha u l-pubbliku, waqt li perijodu itwal kien jagħmilha iżjed faċli biex jiġu adattati l-magni tal-bejgħ. Intlaħaq kompromess u ġie deċiż li jitqassar il-perijodu tat-transizzjoni. F'Novembru 1999, l-Ecofin ftiehem li l-perijodu taċ-ċirkolazzjoni doppja kellu jkun bejn erba' ġimgħat u xahrejn. Il-banek kellhom jibqgħu jbiddu l-muniti nazzjonali għall-euro wara dak il-perijodu, iżda daww il-muniti ma kellhomx jibqgħu valuta legali.



Ftit mill-karti tal-flus nazzjonali sostitwiti mill-euro. _____



— Mexxejja tal-Gvernijiet waqt il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Madrid, 15-16 ta' Diċembru 1995.



Il-Iaqgħa tal-Kunsill Ewropew f'Madrid, ma' Felipe González (fuq ix-xellug), il-Prim Ministru Spanjol ta' dak iż-żmien u President in-Kariga tal-Kunsill, u Jacques Santer, President tal-Kummissjoni Ewropea ta' dak iż-żmien.



KAPITLU 2

DISINN

Ġabra ta' disinji li daħlu għall-kompetizzjoni tal-karti tal-flus tal-euro.

L-GĦAŻLA TAT-TEMA GĦAD-DISINN TAL-KARTI TAL-FLUS

L-iżjed fattur importanti fid-disinn ta' karta tal-flus hu r-“reżistenza” għall-iffalsifikar. Iżda karta tal-flus – speċjalment serje ta' karti tal-flus maħsuba għall-użu fi grupp kbir ta' pajjiżi – għandha wkoll tkun attraenti. Il-karti tal-flus tal-euro kellhom ikunu aċċettabbli għal kulħadd fiż-żona tal-euro, jekk mhux ukoll lil hinn miż-żona. Il-karti tal-flus kellhom jiċċirkolaw trans-konfini ġewwa varjetà ta' kulturi u kellhom jevitaw kwalunkwe influwenza nazzjonali jew tal-ġeneru. Dan l-approċċ imparzjali ġie meqjus meta ntaġġzlet it-tema għad-disinn. Il-karti tal-flus kellhom ukoll jippermettu l-inkorporazzjoni ta' karatteristiċi tad-disinn li jkunu estetikament attraenti.

F'Novembru 1994, il-Kunsill tal-Istitut Monetarju Ewropew talab lill-Grupp ta' ħidma jagħmel proposti dwar it-temi għad-disinn tas-serje tal-karti tal-flus tal-euro. Il-grupp, li kien magħmul primarjament minn kaxxiera prinċipali (il-persuni responsabbli għall-ħruġ tal-karti tal-flus) tal-banek ċentrali nazzjonali u minn maniġers ġenerali ta' l-istamperiji tal-banek ċentrali, ħadem mill-qrib ma' korp konsultattiv estern, il-Grupp Konsultattiv għall-Għażla tat-Tema, li kien magħmul minn esperti fl-oqsma ta' l-istorja, l-arti, il-psikoloġija, id-disinn ġenerali u d-disinn tal-karti tal-flus.

Il-Grupp Konsultattiv intalab, l-ewwelnett, jissuġġerixxi temi li setgħu joħolqu sens ta' għaqda jew li setgħu joħolqu “familja” ta' seba' denominazzjonijiet ta' karti tal-flus, u t-tieni, jagħżel l-aħjar tliet temi u jikklassifikahom. Billi l-karti tal-flus kellhom jingħarfu malajr u faċilment bħala Ewropej kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni Ewropea, ġie deċiż li kellhom iġibu l-bandiera u/ jew l-istilel tal-UE. Dawn is-simboli qed jintużaw dejjem iżjed minn nazzjonijiet differenti li għandhom storja differenti u li jgħixu u jaħdmu bħala sħab fl-istess kontinent. Għall-ewwel ingħażlu l-18-il tema, iżda ħafna minnhom kellhom tendenza jirriflettu fokus jew interess nazzjonali:

- Żminijiet u stili tal-Ewropa
- Wirt l-Ewropa
- Tema astratta u sigurtà
- Għanijiet, ideali u aspirazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
- Memorja kollettiva tal-Ewropa u kisbiet kulturali tal-Ewropa
- Fawna, flora u l-ambjent naturali
- Personaġġi magħrufa Ewropej assoċjati ma' dixxiplina waħda
- Aspetti tal-Ewropa (affarijiet essenzjali għall-eżistenza ta' Ewropa magħquda, p.e. il-komunikazzjoni)
- Poeżiji u rakkonti magħrufa Ewropej
- Ritratti differenti fuq iż-żewġ naħat ta' kull denominazzjoni tal-karti tal-flus
- Pajsaġġi
- Bliet li kellhom rwol importanti fl-istorja tal-Ewropa, p.e. bliet universitarji
- Monumenti
- Miti u leġġendi (Skandinavi, Ġermaniżi, Griegi, Rumani u Ċeltiċi)
- Kitbiet Ewropej u xogħol miktub Ewropew
- Mapep tal-Ewropa tul iż-żminijiet
- Il-“fundaturi” tal-Unjoni Ewropea
- Il-Kosmoloġija

fl-aħħar, il-Grupp Konsultattiv ippropona t-tliet temi li ġejjin:

- “Żminijiet u stili tal-Ewropa”: fuq naħa waħda tal-karta tal-flus kien ikun hemm ritratti ta' rġiel u nisa ordinarji meħuda minn pitturi, disinjati u abbozzi Ewropej tul iż-żminijiet; fuq in-naħa l-oħra kien ikun hemm stili arkitettoniċi. L-idea kienet li tingħażel tema li kienet tisħaq fuq il-wirt kulturali komuni tan-nazzjonijiet tal-Ewropa u li kienet tagħti messaggġ ċar Ewropew fid-dinja kollha. Wara kollox, il-bini jew l-għeljem l-iżjed famużi tal-Ewropa huma iktar magħrufin mill-mexxejja tal-kontinent.

- “Wirt l-Ewropa”: fuq naħa waħda tal-karta tal-flus kien ikun hemm stampi ta’ rġiel u nisa famużi tal-imgħoddi; fuq in-naħa l-oħra kien ikun hemm kisbiet f’oqsma bħalma huma l-mużika, il-pittura, ix-xjenza, l-arkitettura, il-letteratura, il-mediċina u l-edukazzjoni. Is-seba’ karti tal-flus kienu kollha jinkorporaw, bħala sfond, mappa tal-Ewropa mingħajr fruntieri, karatteristika li kienet tirrendi d-dehra tas-serje armonjuża. Din it-tema kienet iżjed wiesgħa minn dik taż-“Żminijiet u stili” billi kienet tippermetti r-rappreżentazzjoni ta’ seba’ dixxiplini distinti. Madankollu, kien se jkun x’aktarx diffiċli li jinsab bilanċ bejn il-pajjiżi kif ukoll bejn l-użu ta’ xbihat ta’ rġiel u nisa.
- “Tema astratta u sigurtà”, li mbagħad imbidlu għal “Disinn astratt/modern”, kienu jinvolu forum ġeometriċi u elementi ta’ disinn mhux figurattiv. Dan kien joffri livell għoli ta’ flessibilità fid-disinn u kien jagħmilha iżjed faċli biex tiġi inkluża sensjela wiesgħa ta’ karatteristiċi tas-sigurtà, bħalma huma l-ologramma u linek li jkangū. Dan kien jippermetti wkoll metodi differenti ħafna, u b’hekk kien relattivament faċli li jinkisbu disinji imparzjali.

F’Ġunju 1995 il-Kunsill tal-IME approva tnejn minn dawn it-tliet proposti: “Żminijiet u stili ta’ l-Ewropa” u “Disinn astratt/modern”. Qabel ukoll li l-uniċi kliem li kellhom jidhru fuq il-karti tal-flus kellhom ikunu l-isem tal-munita u l-inizjali tal-BĊE bid-diversi lingwi. Ġie kkummissjonat Grupp għall-Għażla tal-karatteristiċi li kellu jiddefinixxi l-perijodi u l-istili arkitettoniċi relatati mat-tema “Żminijiet u stili tal-Ewropa”:

Perijodu

Stil

Is-seklu tmienja QK sas-seklu erba’ WK
Klassiku (Grieg u Ruman)

Is-sekli ħdax u tnax
Romanesk

Is-sekli tlettax u erbatax
Gotiku

Is-sekli ħmistax u sittax
Rinaximent

1600 sal-1750
Barokk u rokokò

1850 sal-1914
Żmien il-ħadid u l-ħġieġ

Mill-1930 ’il quddiem
Arkitettura tas-seklu għoxrin

Il-grupp għażel ukoll il-motifi tad-disinn tipiċi ta' kull stil biex jintużaw b'mod volontarju mid-disinjaturi. Il-biċċa l-kbira tal-membri tal-grupp waslu għall-konklużjoni li kien prattikament impossibbli li jinstabu karatteristiċi anonimi għal kollox – fil-każ ta' ritratti ta' persuni – li setgħu jkunu kemm attraenti kif ukoll imparzjali f'termini ta' pajjiż u ġeneru. Għalhekk, ħafna mill-proposti għall-abbozz tad-disinn kienu jirreferu għal skulturi, bħal per eżempju r-ras ta' statwa ta' atleta (perijodu Klassiku, maħsuba għall-karta tal-flus tal-€5) u l-iskultura ta' ras magħmula minn Benedetto Antelami li tinsab fil-Katidral ta' Parma (perijodu Romanesk, għall-karta tal-flus tal-€10).

Waqt li kienu għaddejjin dawn id-diskussjonijiet, kienu għadhom jistgħu jintgħażlu karatteristiċi ta' disinni speċifiċi nazzjonali għall-karti tal-flus. Dawn setgħu jidentifikaw il-pajjiż li jkun ħareġ il-karti tal-flus. Karatteristika nazzjonali, per eżempju, ir-ritratt ta' monarka, setgħa jkopri sa wieħed minn ħamsa tan-naħa ta' wara. Il-bqija ta' kull karta tal-flus kien ikun identiku.

Ġew elenkati struzzjonijiet dwar id-disinn li kienu jispesifikaw il-kriterji li kellhom jiġu mwettqa mid-disinjaturi. Minbarra li jkunu attraenti, faċli li wieħed jagħrafhom u diffiċli biex jiġu ffalsifikati, kien jeħtieġ li l-karti tal-flus jinkorporaw karatteristiċi tas-sigurtà f'ċerti pożizzjonijiet, ikollhom kuluri partikolari u ċifri tal-valur kuntrastanti. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet imlew 30 paġna u koprew prinċipalment id-deskrizzjonijiet tekniċi tal-karatteristiċi tas-sigurtà. Xi siltiet mill-istruzzjonijiet dwar id-disinn għattema “Żminijiet u stili tal-Ewropa” huma stampati fil-paġni 32 u 33.



Ħafna disinjaturi użaw l-Epebe ta' Antikythera (statwa Griega klassika) bħala motif tad-disinn għall-karti tal-flus tal-euro.



Id-disinji għall-karti tal-flus tal-euro huma bbażati fuq it-tema “Żminijiet u stili tal-Ewropa”.

IL-ĦOLQIEN TA' KARTI TAL-FLUS LI HUMA FAĊLI FL-UŻU

Il-bidla ta' element daqshekk fundamentali tal-ħajja ta' kuljum bħalma huma l-karti tal-flus u l-muniti jfisser li kulħadd jintlaqat. Nies bi problemi tal-vista – u minn dawn hemm iżjed minn 7 miljuni fiż-żona tal-euro – jintlaqtu b'mod partikolari. L-Istitut Monetarju Ewropew ħadem mill-qrib mal-Għaqda Ewropea tal-Għomja mill-1955 'il quddiem f'dak li għandu x'jaqsam kemm mad-disinn kif ukoll mad-daqs tal-karti tal-flus. Għal raġunijiet ovvji, dan il-grupp vulnerabbli kien jeħtieġli jimmaniġġja l-karti tal-flus faċilment; jekk dawn in-nies setgħu jagħmlu dan, allura kulħadd kien ikun jista' jagħmel l-istess.

Kull karta tal-flus – kemm jekk ta' €5 jew ta' €500 – kellha tkun faċli biex jidentifikawha n-nies li jaraw ftit, jew dawk li huma għomja għal kollox. Per eżempju, id-differenzi fit-tul tad-denominazzjonijiet l-iżjed baxxi, dawk li jintużaw l-iżjed, kienu distinti ħafna minn xulxin. Il-karti tal-flus ta' €100, €200 u €500 ingħataw l-istess tul – biex jiġi ffaċilitat il-maniġġ awtomatiku – iżda fil-karti tal-flus tal-€200 u l-€500 ġew inkorporati disinji ripetittivi u mqabbża biex dawn jingħarfu minn xulxin.

Ċifri tal-valur kbar u b'tipi grassi tqiegħdu fl-istess pozzizzjoni fis-serje kollha, fuq iż-żewġ naħat, u għal dan intużaw kuluri b'kuntrast qawwi bejniethom. Dawn ittieħdu prinċipalment mir-rota tal-kuluri tal-pittur u għalliem tal-arti Svizzeru, Johannes Itten (1888 – 1967). Il-kuluri magħżula għad-denominazzjonijiet ta' wara xulxin ittieħdu minn segmenti opposti tar-rota tal-kulur u b'hekk intlaħaq kuntrast kbir bejniethom. L-istess jgħodd għad-denominazzjonijiet li għandhom numru sempliċi komuni, bħall-karti tal-flus ħomor tal-€10 u dawk ħodor tal-€100.

KLASSIFIKA TAD-DISINJI

Id-disinjaturi ġew innominati mill-banek ċentrali kollha tal-Unjoni Ewropea (minbarra dak tad-Danimarka) u kull bank ċentrali seta' jinnomina sa tliet disinjaturi. Dawk kollha li ntgħażlu kellhom esperjenza fid-disinn tal-karti tal-flus u kienu jafu x'inhi l-isfida biex wieħed jgħaqqad disinn attraenti ma' karatteristiċi tas-sigurtà effettivi. Dawn intalbu jressqu abbozzi tad-disinji għas-sensjela kollha tal-karti tal-flus b'waħda jew biż-żewġ temi, u dan fi żmien seba' xhur. Kull proposta kellha tiġi ppreżentata lill-Kunsill tal-IME f'kopja bil-kulur, iżda ma ġiet speċifikata l-ebda teknika ta' produzzjoni; għalhekk xi disinjaturi pproduċew pitturi jew tpinġijiet bl-idejn waqt li oħrajn iproduċew disinji magħmula bil-kompjuter.

Sad-data tal-għeluq tal-kompetizzjoni, it-13 ta' Settembru 1996, total ta' 29 disinjatur jew gruppi ta' disinjaturi ppreżentaw 27 proposta bit-tema "tradizzjonali" u 17 bit-tema "moderna". Biex ikunu anonimi, kull sensjela ta' disinji mbaġħad ingħatat numru magħżul kif jinzerta; dawn imbaġħad intbaġħtu lill-IME. F'kull stadju tal-għażla, l-abbozzi tad-disinn setgħu jiġu identifikati biss minn-numru rispettiv tagħhom. Dan żgura li l-Kunsill tal-IME u l-korpi li kellhom jagħtu l-pariri setgħu jagħmlu stima oġġettiva ta' kull disinn fil-kompetizzjoni mingħajr ma jiġu influwenzati mill-pajjiż jew l-orijini.

Lejn it-tmiem ta' dak ix-xahar iltaqgħat ġurija ta' esperti indipendenti fis-sengħa tas-suq, id-disinn u l-istorja tal-arti taħt il-presidenza tal-IME biex jintgħażlu l-aħjar ħames disinji għal kull tema. Id-disinji ġew iġġudikati l-iżjed abbażi tal-kreattività, l-estetika, l-istil, il-funzjonalità kif ukoll kif x'aktarx jarahom u jaċċettahom il-pubbliku.

Il-ġurija ftehmiet li kienet kwistjoni ta' importanza assoluta li l-karti tal-flus ikollhom "dehra" Ewropea. Dan jispjega wkoll għaliex ma kienx hemm ħafna ritratti ta' persuni fid-disinji magħżula mill-ġurija: anki l-inqas xebh ma' persuna reali seta' jiġi interpretat bħala wirja ta' preferenza nazzjonali. Waqt il-proċess tal-għażla, il-ġurija għet imħeġġa tikkummenta dwar id-dettalji tad-disinn fil-każ li xi sensiela ta' disinji kienet qed tingħoġob sew iżda kienet teħtieġ xi emendi.

Il-klassifika saret skond proċedura bi tliet stadji: dawk is-sensiliet ta' disinji li ma kienux sostnuti minn għadd minimu ta' membri tal-ġurija ġew eliminati. Id-disinn ta' Robert Kalina – li mbagħad intgħażel xahrejn wara mill-Kunsill tal-IME ġie kklassifikat it-tieni fil-kategorija "Żminijiet u stili tal-Ewropa". Il-ġurija qalet li *"dan jirrappreżenta l-flus Ewropej b'mod ċar. Għalkemm hu bbażat fuq idea waħda ewlenija ta' disinn, hu eċċellenti minħabba l-għażla interessanti u sinifikattiva ta' karatteristiċi arkitettoniċi. ...Distinzjoni ċara ħafna bejn id-denominazzjonijiet intlaħqet bl-użu kapaċi ta' kuluri u ta' ċifri qawwija. Fil-bidu, is-sensiela tad-disinn intgħażlet minħabba l-kunċett tagħha, mhux minħabba s-sbuħija tagħha. Meta l-klassifika tal-ġurija ingħaqdet mat-tweġiba tal-pubbliku li dehret mill-istħarriġ li sar, id-disinn ta' Kalina ġie ġġudikat bħala l-aħjar wieħed.*

Il-lista qasira li għamlet il-ġurija kienet kif ġej:

Tema astratta/moderna

1. Klaus Michel u Sanne Jünger
2. Roger Pfund
3. Robert Kalina (Oesterreichische Nationalbank)
4. Maryke Degryse (Banque Nationale de Belgique Nationale Bank van België)
5. Terry Thorn (Harrisons & Sons)

Żminijiet u stili tal-Ewropa

1. Yves Zimmermann
2. Robert Kalina (Oesterreichische Nationalbank)
3. Ernst and Lorli Jünger
4. Inge Madlé (Joh. Enschedé)
5. Daniel and Johanna Bruun

KONSULTAZZJONI PUBBLIKA U D-DEĊIŻJONI FINALI

L-għaxar sensiliet fil-lista qasira tal-ġurija intwerew lil kampjun rappreżentattiv tal-pubbliku f'Ottubru 1996 fil-pajjiżi li x'aktarx kienu se jipparteċipaw fiż-żona tal-euro. Kumpanija li tagħmel riċerki tas-suq ħadet ġimgħa biex intervistat 1,896 ruħ dwar id-disinji. Dawk li ġew intervistati kienu ta' etajiet bejn il-15 u s-86 sena b'medja ta' 43 sena. 787 minnhom qalu li kienu jimmaniġġaw għadd kbir ta' karti tal-flus fix-xogħol tagħhom ta' kuljum.

Proporzjon ikbar ta' dawk intervistati (35%) ippreferew id-disinji astratti/moderni ta' Maryke Degryse iktar milli d-disinji tradizzjonali ta' Robert Kalina (23%). Iżda l-biċċa l-kbira ta' dawk intervistati – 76% - ħassew li l-karti tal-flus ta' Kalina kienu jesprimu aħjar l-idea ta' "Ewropa"; ftit biss qalu li dawn fakkruhom f'reġjun partikolari jew f'pajjiż speċifiku. 60% ħassew li s-sensjela tradizzjonali tiegħu kienet tispira fiduċja. Ta' min jinnota li l-istudji juru li ġeneralment, karta tal-flus li tingħoġob mill-ewwel iktar tispira fiduċja.

Dawk li ġew intervistati wiegħbu madwar 30 mistoqsija dwar il-perċezzjoni, l-emozzjoni u l-aċċettazzjoni. Id-disinji kollha, minbarra s-sensjela ta' Roger Pfund u s-sensjela moderna tal-grupp ta' Jünger, ġew magħrufa bħala karti tal-flus mal-ewwel daqqa t'għajn. Dawn iż-żewġ sensiliet, u dik ta' Terry Thorn, fakkru lil dawk li ġew intervistati, iżjed f'xogħolijiet tal-arti milli f'mezzi ta' hłas.

L-istħarriġ wera li fid-disinn ta' Robert Kalina:

- it-tpinġijiet arkitettoniċi kienu l-ewwel ħaġa li tiġbed l-attenzjoni, iżda n-nies qalu li malajr innotaw li l-Ewropa kienet element ewlieni;
- l-identità Ewropea li tidher fl-istampi hi multipla, unika u dinamika, u tgħaqqad l-imġhoddi mal-ġejjieni tal-kontinent.

Fl-istess ħin li kien qed isir l-istħarriġ pubbliku, il-Grupp ta' Ħidma tal-IME dwar il-karti tal-flus għamel stima tal-abbozzi tad-disinn mill-perspettivi li ġejjin:

- produzzjoni, jiġifieri, id-disinn seta' joħloq problemi għall-produzzjoni, bil-konsegwenza li kien se jkun hemm skart/ħela żejda u/jew kien se jżid b'mod drastiku l-ispejjeż tal-produzzjoni?
- sigurtà, jiġifieri, id-disinn kien se jinkorpora l-karatteristiċi tas-sigurtà b'mod xieraq, u dawn kienu se jkunu kompatibbli mad-disinn?
- aċċettabilità min-naħa tal-pubbliku, jiġifieri, id-denominazzjonijiet jingħarfu faċilment, anki minn min għandu problemi tal-vista?

L-ewwel abbozzi tad-disinn tal-karti tal-flus is-soltu jiġu modifikati biex ikunu kompatibbli mal-ħtiġijiet tal-istampar, u b'hekk id-disinn finali jkun differenti mill-verżjonijiet ta' qabel. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Karti tal-Flus ikkonkluda li kieku jsiru ċerti bidliet, is-sensiliet kollha li kienu fil-lista qasira kienu jistgħu jinbidlu f'karti tal-flus stampati.

F'Diċembru 1996, l-44 disinn kollha – kopji anonimi bil-kulur – tressqu quddiem il-Kunsill tal-IME fuq pannelli suwed tal-kartun. Il-Kunsill ġie infurmat dwar il-klassifika tal-ġurija, ir-riżultati tal-istħarriġ pubbliku u l-kummenti tekniċi tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Karti tal-Flus. Il-membri tal-Kunsill malajr approvaw is-sensjela tradizzjonali ddisinjata minn Robert Kalina; tant laqathom il-messaġġ imwassal minn din is-sensjela, li l-biċċa l-kbira tawha l-ewwel post fil-klassifika. Din id-deċiżjoni tħabbret fis-16 ta' Diċembru 1996 waqt żewġ konferenzi stampa paralleli: waħda fl-IME fi Frankfurt mill-President tal-IME, Alexandre Lamfalussy, u l-oħra waqt il-Kunsill Ewropew f'Dublin mill-Gvernatur tal-bank ċentrali tal-Olanda, Willem F. Duisenberg (li ġie indikat bħala s-suċċessur ta' Lamfalussy fl-IME u iżjed tard inħatar bħala l-ewwel President tal-BĊE).



Ġurja ta' esperti stmat u kklassifikat l-44 sensiela tal-abbozzi tad-disinn fl-1996.





Ftit mid-disinjji li dehru fil-lista qasira bit-tema "Żminijiet u stili tal-Ewropa": €5 – Yves Zimmermann; €10 – Robert Kalina; €20 – Ernst u Lorli Jünger; €50 – Inge Madlé; €100 – Daniel u Johanna Bruun; €200 – Ernst u Lorli Jünger; €500 – Inge Madlé.

DISINN TAL-MUNITI TAL-EURO

Id-disinji għall-muniti tal-euro ntgħażlu fl-istess ħin meta ntgħażlu d-disinji tal-karti tal-flus. L-għażla ġiet ikkoordinata mill-Kummissjoni Ewropea u kull munita kellu jkollha “naħa Ewropea komuni” u “naħa nazzjonali”.

Għan-naħa Ewropea komuni, kull disinjatur kellu jipproponi sensiela sħiħa ta’ muniti bbażata fuq waħda minn dawn it-tliet temi:

- stil arkitettoniku u ornamental
- għanijiet u ideali tal-Unjoni Ewropea
- personalitajiet Ewropej.

F’Marzu 1997, panel Ewropew, ippresedut mis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea u magħmul minn esperti indipendenti minn firxa wiesgħa ta’ oqsma (inkluża l-arti, d-disinn u n-numismatika, kif ukoll rappreżentanti tal-konsumaturi) għażlu disa’ sensiliet fost 36 disinn fil-kompetizzjoni. Id-diretturi taz-zekki Ewropej ġew ikkonsultati dwar il-possibbiltà tal-istampar tal-proposti tad-disinn fi kwantitajiet kbar. F’Ġunju 1997, il-Kunsill Ewropew ta’ Amsterdam għażel is-sensiela rebbieħa, iddisinjata minn Luc Luycx taz-Zekka Rjali Belġjana. Id-disinn tiegħu kien ukoll il-favorit tal-biċċa l-kbira ta’ dawk li ġew intervistati (64%) waqt sħarriġ pubbliku li sar fl-Ewropa kollha qabel l-għażla finali.

Id-disinji fuq in-naħat komuni tal-muniti juru xbihat differenti tal-kontinent tal-Ewropa. Dawn huma maħsuba bħala simbolu tal-għaqda tal-Unjoni Ewropea. Il-gżejjer jidhru biss jekk huma ta’ ċertu daqs, jiġifieri iżjed minn 2,500 km² għal gżejjer individwali u iżjed minn 5,000 km² għall-arċipelagi.

Kull pajjiż kellu l-proċedura tiegħu għall-għażla tad-disinn tan-naħa nazzjonali. L-uniċi elementi komuni kienu d-data tal-istampar u t-12-il stilla li jissombilizzaw l-UE.

Għal raġunijiet storiċi, u spiss kostituzzjonali, il-monarka li jkun qed jirrenja jintwera fuq il-muniti stampati minn pajjiżi li għandhom monarkija. Fir-repubbliki, id-disinn tal-muniti x’aktar li juri iżjed kontinwità. Per eżempju, fl-Irlanda, il-motif tal-arpa Ċeltika ġie stipulat mingħajr kompetizzjoni għad-disinn.

It-tliet stati indipendenti ta’ Monako, San Marino u l-Belt tal-Vatikan m’għandhomx muniti tagħhom; dawn jużaw il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro. Ftehim speċjali ma’ Franza u l-Italja, li t-tnejn dehru f’isem l-UE, għamilha possibbli għal dawn il-pajjiżi li jstampaw u joħorġu l-muniti tal-euro tagħhom skond l-ispeċifikazzjonijiet komuni.



Luc Luyckx taz-Zekka Rjali Belġjana, disinjatur tan-naħa Ewropea tal-muniti tal-euro, waqt il-ħidma tiegħu fi Brussell.

© Komunità Ewropea, 2006



Disinji tal-muniti għan-naħa Ewropea fil-lista l-qasira.

THEJJJA TAD-DISINJI FINALI

Fl-analiżi tiegħu dwar il-possibbiltà li jiġu stampati l-abbozzi tad-disinn tal-karti tal-flus, il-Grupp ta' Hídma dwar il-Karti tal-Flus ippropona xi bidliet li, għal raġunijiet tekniċi, kienu meħtieġa, u li kienu jikkonċernaw prinċipalment il-pożizzjoni tal-karatteristiċi tas-sigurtà. Per eżempju, il-fil tas-sigurtà kien integrat fil-karta tul l-assi vertikali ċentrali, li hu wkoll it-tinja ewlenija tal-karta tal-flus. Minħabba li l-parti fejn il-fil hu integrat hi ftit inqas reżistenti kontra t-tqattigħ, kien jenħtieġ li tinbidel il-pożizzjoni tal-fil biex ikun inqas faċli li l-karta tal-flus issirilha l-ħsara meta tintewa.

Barra minn modifiki tekniċi, il-Grupp ta' Hídma dwar il-Karti tal-Flus issuġġerixxa li jsiru xi bidliet fid-disinji oriġinali, l-iżjed biex dawn ikunu iżjed aċċettabbli għall-pubbliku. Dawn il-bidliet kienu jinvolvu l-karatteristiċi arkitettoniċi, il-mappa tal-Ewropa u l-bandiera tal-UE. B'mod partikolari, it-twieqi u l-bibien kellhom jiġu riveduti biex jiġi żgurat li ma jkunux jixbħu lil dawk attwalment eżistenti, għax inkella kienu jinqalgħu kummenti dwar preferenzi nazzjonali. Iżda r-rappreżentazzjonijiet kellhom ikunu eżempji tipiċi taż-żmien rispettiv u juru l-inġinerija strutturali b'mod korrett. Per eżempju, pont li jidher fuq karta tal-flus, kieku kellu jiġi trasferit fid-dinja vera, kien ikollu jkun b'saħħtu biżżejjed biex ikun jiflaħ għall-piż tat-traffiku.

L-idea li tintwera mappa tal-Ewropa ġiet milqugħa tajjeb mill-Kunsill tal-Istitut Monetarju Ewropew. Iżda kien hemm opinjonijiet differenti ħafna dwar kif dan kellu jsir u, b'mod partikolari, dwar kif kellha tiġi pprojetata l-mappa. Waħda mill-possibbiltajiet kienet li jintużaw mapep minn żminijiet differenti, iżda kultant dawn kienu diffiċli biex wieħed jagħrafhom bħala rappreżentazzjonijiet tal-Ewropa. Barra minn hekk, dan seta' jiftiehem bħala fokus fuq l-imġhoddi tal-Ewropa iżjed milli fuq il-ġejjieni. Għalhekk ġie miftiehem li jintużaw xbihat ibbażati fuq ritratti trasmessi bis-satellita.

Wara li saru xi aġġustamenti biex il-mappa tkun iżjed ċara u faċli biex tiġi stampata, ġew ikkunsidrati ż-żona ġeografika preċiża li kellha tiġi koperta u l-livell tad-dettalji. Ġie deċiż li tiġi inkluzja l-Ewropa ġeografika, iżda dan kien jinkludi biss dawk l-inħawi jew gżejjer li kienu ikbar minn 400 km². Intgħażel dan il-limitu għaliex l-istampar fil-kobor bil-litografija ma kienx jippermetti l-istampar konsistenti ta' rappreżentazzjoni lineari ta' żona iżgħar minn 400 km². Minħabba li l-karti tal-flus tal-euro kienu se jiċċirkolaw ukoll f'territorji qrib u barra l-Ewropa ġeografika, il-mappa kellha tingħata pożizzjoni li fiha dawn setgħu jiġu inklużi. L-Afrika ta' Fuq ġiet inkluzja biex turi t-territorji Spanjoli ta' Ceuta u Melilla u l-Gżejjer Kanari. Id-*départements* barranin Franċiżi tal-Guiana Franċiża, Guadeloupe, Martinique u Réunion tqiegħdu fi kwadri żgħar.

Finalment, id-disinji kellhom juru stampa korretta tal-bandiera tal-UE, blu bi stilel sofor, fuq in-naħa ta' quddiem tal-karti tal-flus.

F'Lulju 1997, ġew ippubblikati d-disinji riveduti, iżda d-dettalji tal-karatteristiċi tas-sigurtà ma ġewx mikxufa qabel tard f'Awwissu 2001, biex ma jinkixifx taġħrif prezzjuż għall-falsarji kmieni fil-proċess, ħaġa li setgħet tgħinhom biex iħejju kopji tal-karatteristiċi tas-sigurtà qabel ma l-karti tal-flus kellhom jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni. Għalhekk, ġew ippubblikati l-hekk imsejħa "disinji finta", b'ħafna karatteristiċi tas-sigurtà u tad-disinn murija b'mod imġhawweg. Per eżempju, minflok l-ologrammi kien hemm *guilloches* (disinji ornamental ta' criekei jew ħoloq) u l-bandiera tal-UE, griża u bajda, dehret fuq in-naħa ta' wara tal-karti tal-flus.

Eventwalment, il-karatteristiċi nazzjonali fuq il-karti tal-flus tal-euro twarrbu għaliex, minkejja li setgħu jagħmlu l-karti tal-flus iżjed aċċettabbli fil-pajjiżi rispettivi, setgħu ukoll ikollhom l-effett oppost f'pajjiżi oħra. Barra dan, karti tal-flus li huma l-istess għal kulħadd għandhom iżjed sigurtà minħabba li jistgħu jiġu faċilment ikkontrollati għal darba tnejn.



Robert Kalina, disinjatur tal-karti tal-flus tal-euro, waqt il-ħidma tiegħu fil-bank ċentrali tal-Awstrija, fi Vjenna.



L-Ewropa tidher fuq in-naħa ta' wara tal-karti tal-flus. Id-départements barranin Franċiżi jidhru fi kwadri żgħar fuq in-naħa t'isfel.

STRUZZJONIJIET DWAR ID-DISINN GĦAL SENSIELA TA' KARTI TAL-FLUS TAL-EURO

– Żminijiet u stili tal-Ewropa –

L-Istitut Monetarju Ewropew jixtieq iniedi kompetizzjoni għal disinn ta' sensiela ta' karti tal-flus li jirriflettu l-wirt kulturali tal-Ewropa.

I Għan tal-Istruzzjonijiet dwar id-Disinn

L-isfida tad-disinn tal-karti tal-flus tinsab fl-għaqda inġenjuża tal-karatteristiċi tas-sigurtà u l-interpretazzjoni artistika.

Fil-ħolqien tal-karti tal-flus tal-euro, jgħoddu l-istess konsiderazzjonijiet bħal meta jiġu pjanati, żviluppati u stampati karti tal-flus nazzjonali.

Il-karti tal-flus għandhom

- jingħarfu faċilment;
- ikunu mħarsa kontra l-falsifikazzjoni;
- ikunu estetikament attraenti.

It-tweġġ ta' dawn ir-rekwiżiti jinfluwenza u jillimita l-libertà kreattiva ta' disinjatur tal-karti tal-flus.

Il-karti tal-flus għandhom jingħarfu b'mod ċar bħala Ewropej u għandhom jinkorporaw messaġġ kulturali u politiku li ċ-ċittadini tal-Ewropa jkunu jistgħu jaċċettaw bla eżitazzjoni.

[...]

3 Deskrizzjoni ġenerali tal-proċess għall-produzzjoni tal-karti tal-flus

Il-karti tal-flus ikunu magħmula minn fibri tal-qoton u jiġu prodotti bil-proċess litografiku, bl-intall (fuq in-naħa ta' quddiem biss), bis-silkscreen (fuq in-naħa ta' wara biss) u bl-istampar tipografiku (in-numri biss tal-karti tal-flus, fuq in-naħa ta' wara). Barra dan, jiġi applikat metall irqiq fuq in-naħa ta' quddiem tal-karta tal-flus.

4 Karatteristiċi tad-disinn għall-karti tal-flus

[...]

... hu importanti ħafna li d-disinji jiżguraw bilanċ xieraq bejn irġiel u nisa u li jiġu evitati preferenzi nazzjonali.

[...]

Kwalunkwe ritratt ta' persuna għandu jidher fuq in-naħa ta' quddiem (A) tal-karta tal-flus u dan jiġi stampat bl-intall. Fir-ritratti kollha ta' persuni għandhom ikunu jidhru ż-żewġ għajnejn. Il-karatteristiċi arkitettoniċi għandhom jidhru fuq in-naħa ta' wara (B) tal-karta tal-flus.

Il-pożizzjoni u d-daqs relattivi tal-karatteristiċi tas-sigurtà għandhom ikunu konsistenti fil-karti tal-flus kollha (għal deskrizzjoni tal-karatteristiċi tas-sigurtà ara l-Appendiċi 3). Il-karatteristiċi tas-sigurtà li għandhom jingħarfu mill-pubbliku m'għandhomx ikunu kollha f'parti waħda, iżda għandhom jitqassmu mal-wiċċ kollu tal-karta tal-flus; dawn għandhom ikunu integrati fid-disinn ġenerali; u għandu jkun faċli li jingħarfu.

Id-disinn litografiku fuq in-naħa ta' wara ta' kull karta tal-flus għandu jinkludi 'karatteristika speċifikament Ewropea' li ma tieħux iżjed minn 20% tal-wiċċ ta' din in-naħa u li tkun magħmula b'tali mod li tista' tiġi sostitwita permezz ta' 'karatteristika nazzjonali' (iddisinjata lokalment).

Is-simbolu tat-tnax-il stilla tal-UE għandu jiġi inkluż fid-disinn fuq in-naħa ta' quddiem u jista' jidher fuq in-naħa ta' wara tal-karti tal-flus (għal deskrizzjoni tas-simbolu tat-tnax-il stilla' ara l-Appendiċi 4). [...]

5 Kuluri dominanti

Il-karti tal-flus għandhom jiġu ddisinjati b'kuluri dominanti differenti li huma speċifikati fl-Appendiċi 3.

6 Post u daqs tal-kliem u ċ-ċifri

L-isem tal-munita unika għandu jidher darba fuq kull naħa tal-karti tal-flus, bl-alfabett 'Latin' u bil-'Grieg', jiġifieri EURO u ΕΥΡΩ.

Iċ-ċifri tad-denominazzjoni għandhom jidhru għall-inqas darbtejn fuq kull naħa tal-karti tal-flus. Għandhom ikunu ċari ħafna u faċli biex jinqraw, u għandhom jiġu ppreżentati fuq sfond (ċar [mhux skur]) kontrastanti biex jinqraw faċilment. L-erja madwar iċ-ċifri għandha tkun iddisinjata b'tali mod li jkun iżjed diffiċli li wieħed ibiddel il-valur ta' karta tal-flus ħalli jgħollih billi jżid zero jew żerijiet, per eżempju biex jibdel karta ta' €5 f'waħda ta' €500. Iċ-ċifri għandhom jitqiegħdu f'pożizzjoni standard fis-sensiela kollha tad-denominazzjonijiet kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara tal-karti tal-flus, f'pożizzjoni li tgħin l-orjentazzjoni tal-karti tal-flus meta jiddaħħlu fil-magni.

[...]

7 Speċifikazzjonijiet tekniċi u karatteristiċi tas-sigurtà

[...]

Appendiċi: Silta mill-istruzzjonijiet dwar id-disinn għall- karti tal-flus tal-euro

Istitut Monetarju Ewropew 12 ta'
Frar 1996





KAPITLU 3

PRODUZZJONI

Tindif ta' pjanċa għall-istampar bl-intall. L-istampar tal-karti tal-flus jitlob standards ta' kwalità għoljin ħafna.

STAMPAR TA' PROTOTIPI TAL-KARTI TAL-FLUS

Il-biċċa 'l kbira tal-istamperiji tal-karti tal-flus fl-Unjoni Ewropea kkontribwew għall-produzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro, u ħafna minnhom ipproduċew is-seba' denominazzjonijiet kollha. Dan ġara minħabba li kienet meħtieġa kapaċità sostanzjali ta' stampar qabel id-data aħħarja tal-bidla għall-flus kontanti tal-euro. Tabilħaqq, il-biċċa 'l kbira ta' l-istamperiji ħadmu bi tnejn jew tliet xiftijiet.

Kienet meħtieġa speċifikazzjonijiet stretti ħafna biex jiġi żgurat li l-karti tal-flus tal-istess denominazzjoni jkunu identiċi. Il-muniti nazzjonali kienu jiġu prodotti f'lokalità waħda jew fi tnejn u għalhekk kien faċli li tinkiseb l-istess dehra u li l-karatteristiċi tas-sigurtà tagħhom jissiltu l-istess reazzjoni meta jinqraw mill-magni. Iżda biex dan isir meta jintużaw 15-il stamperija (flimkien ma' disa' fabbriki fejn tinħadem il-karta u xi 20 fornitur tal-materja prima), kien meħtieġ li jsiru l-provi. Ġew imħejjija żewġ sensiliet tal-karti tal-flus bi prova: "it-test jew il-prototipi tal-karti tal-flus" u "l-prova mingħajr produzzjoni".

KARTI TAL-FLUS TAT-TEST

L-għan tat-test tal-karti tal-flus kien li jstabilixxi jekk kienux jistgħu jiġu prodotti karti tal-flus ta' kwalità uniformi biżżejjed. L-istampar tal-prototipi beda kmieni fl-1997 biex jiġu identifikati problemi potenzjali kemm jista' jkun kmieni. Il-karti tal-flus tat-test kienu jinvolvu t-teknika kollha tal-produzzjoni li kellha tintuża iżjed tard għall-produzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro. Dawn kienu jinkludu l-karatteristiċi tas-sigurtà kollha, iżda kellhom disinji differenti (id-disinn tal-karti tal-flus tat-test ġie ffinalizzat fl-1996 qabel l-għeluq tal-kompetizzjoni tad-disinn). Twaqqaf grupp ta' ħidma tal-IME li kien magħmul minn esperti minn ħafna BĊN u minn ħafna stamperiji, biex iħejji l-materjali tat-test meħtieġa għall-istampar.

Il-kultur predominanti għall-karti tal-flus tat-test kien il-kannella u d-daqs kien jixbaħ lil dak tal-karta

tal-flus tal-€50 (140 x 77 mm). Biex titwarrab kwalunkwe konfużjoni mad-disinn finali, ingħażlu ċ-ċifri tal-valur "00". Il-motif ewlieni kien ritratt ta' persuna li ġie mtenni fil-watermark. Inħolqu żewġ prototipi: wieħed kien rappreżentazzjoni tal-karti tal-flus ta' denominazzjoni baxxa, u kien fih strixxa tleqq u strixxa olografika; u l-ieħor kellu roqgħa olografika bil-klema "TEST" u kien jinkludi linka li tkangġi fiċ-ċifri tal-valur "00" fuq in-naħa ta' wara.

Għaxar stamperiji u tmien fabbriki fejn tinħadem il-karta għenu biex jiproduċu l-karta tal-flus tat-test. Għal xi stamperiji, din kienet l-ewwel darba li użaw kemm il-linka li tkangġi flimkien mal-istampar bis-silkscreen, kif ukoll ologrammi stampati bi sħana qawwiya.

Fil-laboratorju saru kontrolli estensivi tal-karatteristiċi viżwali u ta' dawk li jinqraw mill-magni, fil-karti tal-flus kollha tat-test. Per eżempju, ġiet ittestjata r-reżistenza kimika u fiżika tal-karti tal-flus, biex jiġi stabbilit kemm jistgħu idumu jintużaw, waqt li l-karti tal-flus ġew imtabbghin u ssoġġettati għal strapazz fiżiku, bħalma huma t-tinjiet. Ġew ittestjati wkoll ħafna mazzi tal-karti tal-flus fil-magni li jagħżlu l-karti tal-flus b'ħeffa kbira fil-banek ċentrali nazzjonali (BĊN). Dawn jintużaw fl-oqsma tal-flus kontanti tal-BĊN u fil-fergħat tagħhom biex jiċċekkjaw jekk il-flus iddepożitati mill-banek kummerċjali humiex ġenwini u tajbin biżżejjed biex jerġgħu jinħarġu, u jekk kull mazz fihx l-għadd korrett ta' karti tal-flus. Kull sekonda jistgħu jiġu pproċessati 40 karta tal-flus. Biex jiġi skartat kull xkiel waqt l-għażla, il-magni ġew ittestjati qabel u s-sensors ġew aġġustati għall-karti tal-flus.

L-esperti tal-karti tal-flus sabu inqas differenzi bejn il-karti tal-flus tat-test prodotti fid-diversi lokalitajiet milli kienu qed jistennew. Id-differenzi komplew jitnaqqsu billi ġew immodifikati iżjed l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-karti tal-flus, u bl-irfinar tat-tagħmir tal-produzzjoni ta' l-istamperiji.

Il-karti tal-flus tat-test ġew ukoll stmati minn membri tal-pubbliku. Nies f'hafta pajjiżi Ewropej ġew mistoqsija jekk se għux jaraw xi differenza bejn il-karti tal-flus tat-test prodotti minn stamperiji differenti. Il-verdett tagħhom kien li l-karti tal-flus kienu jidhru identiċi.

Meta ntemm il-proġett tat-test tal-karti tal-flus, kull stamperija kienet taf x'tista' tagħmel bit-tagħmir eżistenti u x'kien jeħtieġ tagħmel biex tipproduċi karti tal-flus tal-euro veri. Din l-esperjenza, flimkien mad-dettalji tad-disinn finali li s'issa kien intgħażel, iffurmaw il-bażi tal-ispeċifikazzjonijiet ġenerali preliminari għall-karti tal-flus. Il-verżjoni finali tal-ispeċifikazzjonijiet ġenerali hi ta' 80 paġna. Tabilħaqq, l-ispeċifikazzjonijiet ġew riveduti kemm il darba bħala riżultat taż-żewġ sensiliet tat-test u ġew ukoll modifikati xi ftit waqt il-produzzjoni attwali fuq skala kbira.

IL-ĦOLQIEN TAL-PJANĊI GĦALL-ISTAMPAR

Fil-qasam tal-karti tal-flus, it-terminu "ħolqien (*origination*)" hu marbut mat-tnejn ta' xbihat ta' kwalità għolja u mat-trasformazzjoni tad-disinj f'għodda tal-produzzjoni, bħalma huma l-pjanċi għall-istampar u l-forom tal-produzzjoni għall-istadji differenti tal-manifattura. L-originatori fl-istamperiji tal-karti tal-flus ħolqu l-pjanċi għall-istampar u l-forom tal-produzzjoni billi rreferew għall-istruzzjonijiet ġenerali preliminari għall-karti tal-flus tal-euro, li jkopru d-disinn, id-dettalji u d-dehra tal-karatteristiċi tas-sigurtà.

Il-proġett tat-test tal-karti tal-flus żied l-għarfien tal-importanza ta' proċeduri ċari u stretti għall-iżvilupp tal-materjali tal-ħolqien (*origination*) u,

b'mod partikolari, għall-aċċettazzjoni ta' kunsinni minn oriġinaturi differenti u l-iskambju ta' tagħmir ta' ħolqien approvat (per eżempju pjanċi għall-istampar) bejn l-istamperiji. Dan kien tip ta' ħidma ġdida u bi sfida ikbar għall-biċċa 'l kbira tal-istamperiji, minħabba li qabel kienu jipproduċu materjal ta' ħolqien għal għanijiet nazzjonali biss.

Fi Frar 1998, il-Kunsill tal-IME approva l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali għall-karti tal-flus tal-euro. Abbażi ta' dawn, il-ħolqien tas-seba' denominazzjonijiet tal-munita l-ġdida kellu mbaġħad jiġi ffinalizzat fi żmien sitt xhur. Din kienet skeda iebes, mhux biss minħabba x-xogħol tekniku, iżda wkoll minħabba l-koordinazzjoni li kienet meħtieġa bejn stamperiji b'kulturi u proċeduri differenti. Għall-biċċa 'l kbira tad-denominazzjonijiet, kienu responsabbli żewġ stamperiji differenti, waħda għan-naħa ta' quddiem tal-karta tal-flus u waħda għan-naħa ta' wara.

Għaxar stamperiji ftehm li jieħdu sehem. Id-disinj tal-karti tal-flus ġew trasformati f'sensjela ewlenija ta' fajls diġitali, films u pjanċi li kellhom jintużaw biex tiġi prodotta l-karta tal-flus bi prova. Din is-sensjela ewlenija ġiet duplikata biex isiru l-pjanċi tal-istampar għall-proċess tal-produzzjoni. Naturalment, dan ix-xogħol kollu kien ikkoordinat mill-qrib mad-disinjatur. Id-definizzjoni tal-istandards għall-iskambju tat-tagħrif diġitali għall-ħolqien tal-pjanċi tal-istampar kienet iżjed diffiċli milli kien maħsub, l-iżjed minħabba li l-istandards internazzjonali eżistenti ma kienux ikopru l-preċiżjoni meħtieġa għax-xbihat tal-karti tal-flus. Madankollu, id-dokumenti u l-materjali kollha miftehma ġew ikkunsinjati fil-ħin f'Awwiw 1998 u, wara analiżi intensiva, id-denominazzjonijiet ġew finalment aċċettati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE f'nofs Diċembru 1998, u dan witta t-triq għall-produzzjoni fuq skala kbira.

PROVA MINGĦAJR PRODUZZJONI

It-tieni sensiela tat-test kienet tinkludi l-produzzjoni ta' għadd żgħir ta' karti tal-flus bid-disinn sfiħ u bil-karatteristiċi tas-sigurtà kollha skond l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali. Minn Settembru 1998, kull waħda mis-seba' denominazzjonijiet ġiet prodotta b'tagħmir standard f'mill-inqas żewġ stamperiji. Il-karta tal-flus tal-€20, li kienet mistennija li tkun dik li tintuża l-iżjed spiss, ġiet prodotta f'disa' stamperiji.

L-għanijiet tal-prova mingħajr produzzjoni kienu erbgħa: biex jiġi kkontrollat jekk il-ħolqien kienx konformi mal-ispeċifikazzjonijiet ġenerali komuni; biex jiġu rfinati l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali; biex tiġi stabbilita proċedura komuni ta' aċċettazzjoni; u biex jiġi kkonfermat li s-sistema tal-maniġġ tal-kwalità kienet tiżgura l-omoġeneità tal-produzzjoni.

Sa Diċembru 1998, il-prova mingħajr produzzjoni tlestiet għall-biċċa l-kbira tad-denominazzjonijiet. Waqt it-tliet xhur ta' wara, il-BĊN parteċipanti u l-BĊE iċċekkjaw il-karti tal-flus b'mod estensiv. Dawn ġew eżaminati bl-għajnejn biss u taħt lenti biex jiġi stabbilit jekk it-tolleranzi definiti għal kull element individwali fil-karta tal-flus kienux aċċettabbli. Dawn ġew sottomessi wkoll għal testijiet fil-laboratorju u fil-magni li jagħżlu l-karti tal-flus b'ħeffa kbira.


Wara proċedura estensiva ta' aċċettazzjoni fid-diversi stamperiji, ġie organizzat l-iċċekkjar għal darba tnejn, ma' laboratorji u oqsma tal-flus kontanti ta' BĊN oħra li kienu qed jittestjaw il-karti tal-flus.

Ħdax-il laboratorju stmaw il-kwalitajiet ta' 150,000 karta tal-flus ta' kull denominazzjoni minn kull lokalità tal-produzzjoni.

Ir-riżultati wrew li, fil-prinċipju, l-istamperiji kollha setgħu jipproduċu l-karti tal-flus tal-euro skond l-istess standards. Kellhom isiru xi aġġustamenti fl-ispeċifikazzjonijiet, p.e. fit-tolleranzi tal-karatteristiċi tas-sigurtà moħbija (mgħottijin) kif ukoll f'dawk viżwali (li jidhru). Il-fil tas-sigurtà kellu jidjieg biex jiġi żgurat li seta' jiġi integrat sew fil-karta mill-fabbriki kollha li jaħdmu l-karta. Barra dan, il-proċessi tal-produzzjoni tal-istamperiji, li kellhom jiġu ttestjati taħt kondizzjonijiet reali, kellhom, f'xi każi, jiġu modifikati.

Ġew prodotti folji ta' karti tal-flus ta' referenza u dawn imbagħad stabbilew l-istandards għall-produzzjoni sussegwenti fuq skala kbira. Barra dan, għal għanijiet ta' referenza fl-istamperiji, inħoloq katalogu ta' karti tal-flus aċċettabbli u mhux aċċettabbli (kampjuni difettużi u estremi), bil-karatteristiċi speċifiċi tagħhom.

Qabel ma beda l-istampar fuq skala kbira fl-1999, l-ispeċifikazzjonijiet ġenerali saru "Speċifikazzjonijiet Tekniċi" għas-seba' denominazzjonijiet – kull waħda bħala dokument ta' 200 paġna b'dejta, graffs u tpinġijiet, inklużi karti tal-flus ta' referenza u sensiliet ta' tests kimiċi u fiżiċi għall-iċċekkjar tar-reżistenza tal-karti tal-flus kontra p.e. d-dawl tax-xemx u t-trab tal-ħasil, kif ukoll kontra t-tqattigħ, it-tiwi, it-tkemmix eċċ.



Tinqix bl-idejn ta' pjanċa ewlenija tal-intall. Il-produzzjoni tal-karti tal-flus tgħaqqad flimkien is-sengħa u l-metodi ta' produzzjoni ta' livell tekniku għoli.



Karti tal-flus tat-test li fihom il-karatteristiċi tas-sigurtà tal-karti tal-flus tal-euro.



L-ispezzjoni finali ta' folji tal-karti tal-flus fil-Greċja.

IT-TWAQQIF TA' SISTEMA GĦALL-MANIĠĠ TAL-KWALITÀ

Għan ieħor tal-prova bla produzzjoni kien dak li tiġi vvalidata s-sistema komuni għall-maniġġ tal-kwalità. Dan sar minħabba li l-produzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro kienet iżjed diffiċli milli għal kwalunkwe munita nazzjonali minħabba l-għadd kbir ta' stamperiji, il-ħafna fornituri ta' materja prima u l-varjetà tat-tagħmir, teknika u proċessi użati minn dawn l-istamperiji.

Il-pass li jmiss kien dak li tintlaħaq kwalità xierqa tal-produzzjoni; dan kien ifisser li kellu jiġi definit il-“Kontroll tal-Kwalità għall-Aċċettazzjoni tal-Karti tal-Flus tal-Euro”, jiġifieri proċeduri dettaljati għas-sorveljanza tal-produzzjoni fl-istamperiji. Dawn il-proċeduri ġew implimentati minn kull stamperija u kienu bbażati fuq standards internazzjonali għall-maniġġ tal-kwalità u għall-ispezzjoni statistika ta' mazzi tal-karti tal-flus prodotti. B'dan il-mod, setgħu jiġu identifikati l-karti tal-flus li ma kienux konformi mal-ispeċifikazzjonijiet għal kull wieħed mill-parametri magħżula.

Imbagħad is-sistema għall-maniġġ tal-kwalità ġiet dokumentata fid-dettal abbażi ta' dawn l-istandards ISO (l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni). Il-manifatturi kollha kellhom iħejju l-manwali individwali tagħhom dwar il-kwalità b'tali mod li jissodisfaw ir-rekwiżiti bażiċi. B'hekk, il-manwali tal-kwalità kienu jkopru mhux biss il-prodotti finali iżda wkoll il-proċedura tal-aċċettazzjoni għal kull stadju tal-produzzjoni. Ġiet stabbilita struttura ta' rappurtar għall-ispezzjonijiet statistiċi bejn l-istamperiji u l-BĊN u l-BĊE.

Barra dan, biex tiġi żgurata l-konsistenza għall-istadji differenti tal-produzzjoni, il-BĊE għamel stima tad-dehra viżwali tal-ewwel folji tal-produzzjoni – magħrufa bħala folji tal-kontroll – fil-bidu tal-istampar ta' kull denominazzjoni u għal kull stamperija, qabbilhom mal-folji tal-karti tal-flus ta' referenza u eventwalment approvahom. Meta l-istandards tal-produzzjoni kienu aċċettati, inħarġet deċiżjoni ta' “lesti għall-istampar”. Din il-proċedura għadha tiġi segwita fil-produzzjonijiet kurrenti.

KWISTJONIJIET LEGALI U TA' SIGURTÀ MAL-FORNITURI

Madwar 40 kumpanija kienet involuta fil-produzzjoni tal-karti tal-flus, inklużi fornituri ta' materja prima ta' sigurtà għolja, bħalma huma l-karta għall-karti tal-flus, il-linek speċjali għall-istampar u l-irqajja' u l-istrixxi olografiċi. Fost kwistjonijiet oħra, ittiegħed kont ta' drittijiet tal-brevett u provvisti monopolistiċi.

Qabel ma bdiet il-produzzjoni tal-karti tal-flus, għew iffirmiti kuntratti li żguraw li l-materja prima setgħet tintuża mill-istamperiji mingħajr ksur tad-drittijiet eżistenti tal-brevett. L-arranġamenti kuntrattwali għew ukoll garantiti għall-kontinwità tal-kunsinna: fejn fornitur wiegħed biss kien qed jipprovdi karatteristika partikolari, għew stabbiliti arranġamenti ta' kontinġenza għall-garanzija tal-provvista u għew miftehma l-prezzijiet massimi.

Tipikament, il-BĊE għamel ftehim ta' liċenzja ewlenija u provvista ewlenija mal-kumpaniji. Il-BĊN ibbażaw il-kuntratti individwali tagħhom għall-kunsinna fuq dan il-qafas ta' ftehim.

Waqt li d-disinn tal-karti tal-flus tal-euro kien miexi 'il quddiem u meta ntgħażlu l-karatteristiċi tas-sigurtà, kellhom jitqiesu miżuri prattiċi biex jitħares it-tagħrif dettaljat dwar id-disinn kontra l-kxif prematur u biex ma jintilfux jew ma jinsterqux il-karatteristiċi tas-sigurtà. Kull kxif ta' tagħrif jew telf jew serq tal-karatteristiċi tas-sigurtà kien jagħti lill-kriminali l-opportunità li jipproduċu karti tal-flus tal-euro foloz qabel ma l-karti tal-flus ikunu ndraw mill-pubbliku, u b'hekk kienet tintilef il-fiduċja fil-munita l-għdida.

Ittiegħdu miżuri prattiċi ta' sigurtà biex iħarsu t-tagħrif u l-karatteristiċi kemm waqt l-iżvilupp, kif ukoll waqt il-produzzjoni u t-trasport. Dawn kienu jirriflettu l-aħjar prassi tas-sigurtà użata mill-BĊN biex iħarsu l-muniti tagħhom. Il-miżuri kellhom iqisu r-riskji li setgħu jinqalgħu f'kull pajjiż minħabba l-introduzzjoni ta' munita komuni. Fi ftehim klijem, il-kriminali, bħall-euro, ma jagħrfux konfini nazzjonali.

Għet żviluppata sistema ta' spezzjonijiet biex jiġi żgurat li l-manifatturi kollha tal-karatteristiċi tas-sigurtà tal-karti tal-flus kellhom miżuri ta' sigurtà fiżika u kontrolli tal-proċessi interni li kienu konformi ma' dawn ir-rekwiżiti tas-sigurtà. L-ispezzjonijiet kienu (u għadhom) jiġu ripetuti b'intervalli regolari biex jiġi żgurat li l-karatteristiċi tas-sigurtà kienu qed ilaħgħqu ma' ambjent ta' riskji li dejjem jinbidlu.



Il-karta għall-karti tal-flus tal-euro hi magħmula minn skart tal-qoton tal-industrija tat-tessuti.

KIF ISSIR IL-KARTA

Il-karta għall-karti tal-flus tal-euro hi magħmula minn fibri ta' qoton pur tal-ogħla kwalità. Din il-kompożizzjoni tagħti reżistenza fiżika u mekkanika akbar minn prodotti normali tal-karta, karatteristika essenzjali meta wieħed iqis li l-karti tal-flus iġhaddu minn ħafna jdejn u mhux dejjem jiġu ttrattati “bil-galbu”.

L-ewwel pass fil-produzzjoni tal-karta għall-karti tal-flus hu l-ibbliċjar tal-fibri tal-qoton b'soda kawstika u bil-perossidu fl-ilma bi pressjoni għolja u temperatura għolja. Għal raġunijiet ambjentali, ma jintużax il-kloru. Wara li l-fibri jkunu ġew ibbliċjati, jitħalltu ż-żebgħat mal-massa tal-fibri biex tintlaħaq l-isfumatura speċifika tal-kulur finali tal-karta.

It-tieni pass hu l-“irfinar” tal-fibri, li jikkonsisti mill-qtuġħ u t-“tizrid” tal-fibri tal-qoton biex jitjiebu l-kwalitajiet kemm mekkaniċi kif ukoll fiżiċi tal-karta finali. Irid jintlaħaq bilanċ għaqli bejn it-“tqassir” u t-“tizrid” tal-fibri. Fibri qosra ħafna jipproduċu karta b'volum speċifiku għoli u kwalitajiet tajbin li “jidhru kontra d-dawl” flimkien ma' watermark (xbieha li tidher kontra d-dawl) ċara, iżda b'karatteristiċi mekkaniċi dgħajfa. Fibri mżartin ħafna jipproduċu

karta ta' saħħa estrema iżda bi kwalitajiet li jidhru kontra d-dawl u watermark mill-agħar.

It-tielet pass fil-proċess isir fuq il-magna tal-karti. Il-magni tal-karti għall-karti tal-flus huma differenti ħafna minn magni tal-karti standard minħabba li jużaw proċess uniku ta' forma b'ċilindru, fejn il-massa tal-fibri “rfinata” tintefa' ftit ftit ġewwa bittija li jkun fiha forma b'ċilindru miksiya b'malja tal-wajer li tkun parzjalment mgħaddsa. Iċ-ċilindru jdur il-ħin kollu u fuq il-wiċċ tiegħu jiffirma bħal tapit tal-fibra li jiġi ddepożitat mill-massa tal-fibri waqt li l-ilma jiffiltra mill-għatu taċ-ċilindru. It-tapit tal-fibra mbagħad jiġi ttrasferit għall-parti prinċipali tal-magna tal-karti. It-tapit tal-fibra jiffirma xibka tal-karta li titlaq minn fuq il-wiċċ taċ-ċilindru b'medja ta' 5% tal-materjal solidu (fibri u additivi) f'95% tal-ilma. Ix-xibka tal-karta mbagħad tiġi ppressata meta tkun imxarrba, titnixxef, tingħata d-daqs b'kolla kimika, u terġa titnixxef u tiġi ppressata, u mbagħad titgerbeb bħala karta lesta b'5% ta' ilma f'95% ta' materjal solidu f'rombli li jiżnu sa 2.5 tunnelli metriċi l-wieħed. Additivi kimiċi differenti jiġu applikati fis-sottostrat tal-karta waqt il-proċess tal-manifattura biex jiġu sodisfatti l-ispeċifikazzjonijiet fiżiċi u kimiċi stretti tal-karti tal-flus.



Fibri tal-qoton wara l-proċess tal-ibblċjar.


L-aħħar pass fil-proċess hu dak tal-qtugħ tar-rombli tal-karta f'folji għall-istampar. Il-folji tal-karti tal-flus tal-euro jġu ppakkjati friżmi (pakketti ta' 500) bid-daqs mitlub mill-istamperiji, biex minn kull folja joħorġu minn 24 sa 60 karta tal-flus. Billi l-użin tal-karta hu ta' 85 gramma kull metru kwadru, il-piż ta' riżma jvarja minn 10 sa 20 kg, skond id-daqs attwali.

Waqt il-produzzjoni, isiru kontrolli tal-kwalità skond l-oġhla standards u dan jirrigwarda kemm il-prodott kif ukoll il-proċess, minħabba li l-karta tal-karti tal-flus hi sofistikata ħafna. Jintużaw l-iżjed sistemi reċenti ta' manifattura mgħejjuna mill-kompjuter, u spezzjonijiet ibbażati fuq il-kompjuter biex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn l-istandards tal-kwalità.

Is-sigurtà hi karatteristika ewlenija oħra tal-karta tal-karti tal-flus. Il-*watermarks*, il-fibri tas-sigurtà, il-fili tas-sigurtà u l-linek speċjali huma f'tit mill-karatteristiċi tas-sigurtà inklużi fil-karta tal-karti tal-flus biex ikun diffiċli kemm jista' jkun li wieħed jagħmel kopji foloz tagħhom. Il-*watermarks* jidhru faċilment b'ħala xbihat sfumati ġewwa l-karta meta din tinżamm kontra d-dawl. L-għata tal-forma taċ-ċilindru li tintuża biex tiġbed il-fibri mill-massa, fiha xbihat imnaqqxa b'disinn regolari li jikkawża varjazzjoni fil-ħxuna fit-tapit tal-fibra li jkun ġie ddepożitat. Meta l-karta tinxef, ix-xbieha mqabbża fl-għata tal-forma tiġi riprodotta b'mod uniku.

Il-karti tal-flus tal-euro fihom żewġ tipi ta' *watermark* li l-pubbliku jista' jiċċekkja. L-ewwel waħda turi l-motif ewlieni tal-karta tal-flus fi xbieha tridimensjonali u b'ħafna sfumaturi ta' kulur. Taħtha eżatt, it-tieni *watermark* tindika l-valur nominali tal-karta tal-flus. Dan jidher b'ittri ċari meta l-karta tal-flus tinżamm kontra d-dawl. Il-ħolqien ta' *watermark* hu proċess artistiku li ġie mtejjeb bl-użu ta' disinn u manifattura mgħejjuna mill-kompjuter.

Żewġ karatteristiċi tas-sigurtà oħra normalment applikati fil-karta użata għall-karti tal-flus ta' denominazzjoni baxxa waqt il-proċess tat-tħejjija tal-karta, huma l-istrixxa olografika u, fuq in-naħa ta' wara, l-istrixxa tleqq. Il-proċess biex jġu applikati dawn il-karatteristiċi tas-sigurtà mhux tipiku fit-tħejjija tal-karta, iżda l-produtturi tal-karta jagħmlu dan billi hu iżjed effiċjenti meta dan isir f'magna li tieħu romblu wara romblu qabel ma r-rombli jinqatgħu f'folji. L-istrixxa olografika tiġi stampata bi šhana qawwija fuq il-karta, waqt li l-istrixxa tleqq is-soltu tiġi stampata bis-*silkscreen*.



© Deutsche Bundesbank

Magna tal-karta bil-forma taċ-ċilindru li qed tipproduċi xibka tal-karta.

STAMPAR


L-istampar tal-karti tal-flus tal-euro jinkludi erba' metodi tekniċi: stampar bil-litografija, bl-intall, bis-silkscreen u tipografiku. Għal dawn il-proċessi jintużaw tipi differenti ta' pjanċi jew forom u linek speċjali.

L-istampar tal-karti tal-flus ta' denominazzjoni għolja s-soltu jibda bil-litografija, u dan jipprovdi disinn għall-isfond grafiku tal-karta tal-flus. L-istampar bil-litografija hi teknika ta' stampar indirett, minħabba li l-linka ma tiġix stampata direttament mill-pjanċa għal fuq il-karta. Minflok, il-linka l-ewwel tiġi trasferita minn erba' pjanċi ta' l-istampar (kull waħda minn dawn tkun marbuta b'morsa maċ-ċilindru) għal fuq kutra tal-lastku użata fl-istampar. Minn hemm, il-linka tiġi ttrasferita għal fuq il-karta. Il-konfigurazzjoni speċjali tal-magni tal-litigrafija użati għall-istampar tal-karti tal-flus tal-euro tfisser li l-karti tal-flus jiġu stampati fuq quddiem u fuq wara fl-istess ħin. Dan

jippermetti allinjament preċiż tax-xbihat fuq wara u fuq quddiem u dan jista' jiġi ċċekkjat billi wieħed iħares lejn in-numru li jidher sħiħ kontra d-dawl biss (il-marki parzjali fuq iż-żewġ naħat li jingħaqdu biex jiffurmaw iċ-ċifra tal-valur meta l-karta tal-flus tinżamm kontra d-dawl).

Stampar bl-intall – kelma Taljana li tfisser “naqqax fil-fond” – jagħti lill-karti tal-flus dik il-kwalità speċjali li tinħass. L-inizjali tal-BĊE f'ħames varjanti lingwistiċi, iċ-ċifri tal-valur u t-twieqi u l-bibien jinħassu bit-tarf tas-saba'. Dawn l-elementi tax-xbihat huma mnaqqxa fil-pjanċa tal-intall, u b'hekk jiffurmaw spazji skavati. Il-pjanċi tal-istampar isiru minn pjanċa oriġinali, li s-soltu tkun tar-ram, permezz ta' banju galvaniku. Il-linka applikata fuq il-pjanċi tal-istampar timla l-partijiet imnaqqxa, u l-wiċċ (partijiet mingħajr xbihat) jintmesaħ mill-linka permezz ta' romblu li jdur bil-kontra.

Forma taċ-ċilindru għall-produzzjoni tal-karta għall-karta tal-flus
ta' €5, fejn jidhru x-xbihat imqabbża għall-watermarks.




Dan ir-romblu jitnaddaf permezz ta' solventi u xafra tal-istampatur biex jitneħħew il-fdal tal-linka. Waqt l-istampar, il-linka tiġi ttrasferita mill-pjanċa, li tkun imwaħħla ma' ċilindru tal-istampar, għal fuq il-karta. F'dan il-proċess, il-karta tiġi kkompressata fl-ispazji skavati li jkunu mimlijin bil-linka, u dan iwassal għall-karatteristiċi mqabbża tal-karta u l-ħolqien tal-linka mqabbża fil-karta tal-flus. Biex jintlaħaq ir-riljiev mixtieq, hi meħtieġa pressjoni ta' stampar qawwija daqs madwar 30 tunnellata metrika.

Wara l-istampar bl-intall, tiġi stampata karatteristika oħra tas-sigurtà fuq in-naħa ta' wara: il-linka li tkangji, li tiffirma ċ-ċifra tal-valur fil-karti tal-flus ta' denominazzjoni għolja (għad-denominazzjonijiet il-baxxi, l-istrixxa li tleqq tiġi applikata permezz tal-istess teknika tal-istampar fil-fabbrika fejn tinħadem il-karta). Dawn iż-żewġ tipi ta' linka jiġu applikati waqt l-istampar bis-silkscreen, u dan jiżgura r-rita ħoxna ta' linka meħtieġa biex jintlaħqu l-effetti ottiċi sħaħ ta' dawn il-karatteristiċi. Ir-roqgħa olografika mbagħad tiġi stampata bi sħana qawwija fuq il-karta (bl-istess proċess tiġi applikata strixxa olografika kontinwa għad-denominazzjonijiet il-baxxi). Dan il-proċess juża makkinarju li kapaċi jaħdem b'ħeffa ta' 8,000 folja fis-siegħa.

Imbagħad il-folji jiġu nnumerati permezz ta' teknika ta' l-istampar imsejħa tipografija. Dawn jiddaħħlu fi pressa li tinnumera, fejn in-numri tal-karti tal-flus jiġu applikati fuq in-naħa ta' wara tal-karti tal-flus permezz ta' żewġ unitajiet differenti li jinnumeraw. Wara l-innumerar, il-folji jinqatgħu awtomatikament f'karti tal-flus u jiġu ppakkjati. Il-folji jinqatgħu mit-tul u mill-wisa', u dan jipproduċi pakketti ta' mitt karta tal-flus, li jintrabtu u jiġu stivati f'qatet ta' għaxar pakketti. Il-qatet imbagħad jitgeżwru għewwa film tal-plastika trasparenti li jiqsar xi ftit u jintrass.

Il-kwalità kemm tal-folji kif ukoll tal-istampar tiġi ċċekkjata fi stadji differenti waqt il-proċess tal-produzzjoni. Dawn il-kontrolli jsiru jew onlajn (jiġifieri waqt il-produzzjoni) jew separatament mis-sistema ċentrali (jiġifieri jitneħħa kampjun mill-produzzjoni) u wkoll b'kontroll ta' kultant jew abbażi ta' 100%, skond il-parametri li għandhom jiġu ċċekkjati. Per eżempju, l-istamperiji introduċew kontroll finali awtomatiku tal-kwalità għall-karti tal-flus fuq magni li jipproċessaw b'ħeffa qawwija fit-tmiem tal-proċess tal-produzzjoni. Il-karti tal-flus difettużi jew jitwarrbu awtomatikament u wara jinqerdu, jew mill-ewwel jitqattgħu fi bċejjeċ irqaq fil-magna.



Ċilindri tal-pjanċi għall-istampar tal-karti tal-flus tal-€50 u ktra tal-lastku użata fl-istampar ġewwa magna tal-istampar bil-litografija.

Ċilindru ta' pjanċi għall-istampar tal-karti tal-flus tal-€50 f'magna tal-istampar bl-intall.



Magna tal-istampar bis-silkscreen fejn tiġi applikata l-linka li tkangji fuq il-karti tal-flus tal-€50.




Pressa li tinnumera. Kull karta tal-flus fiha numru tas-serje uniku.

IL-MANIĠĠ TAL-PRODUZZJONI TA' KWANTITÀ KBIRA TA' KARTI TAL-FLUS TAL-EURO

Fl-1996, il-Kunsill tal-IME ddeċieda li l-istamperiji kollha fl-Unjoni Ewropea li kienu qed jipproduċu l-karti tal-flus nazzjonali kellhom jiġu involuti fil-produzzjoni tal-ewwel ħażna ta' karti tal-flus tal-euro. Dan minħabba li kienet meħtieġa l-produzzjoni ta' ammonti enormi fi żmien qasir: hażiet suffiċjenti ta' karti tal-flus tal-euro kellhom ikunu disponibbli f'500 fergħa tal-BĊN bosta xhur qabel l-introduzzjoni tal-flus kontanti tal-euro fl-1 ta' Jannar 2002, biex dawn setgħu jitqassmu kmieni biżżejjed lill-banek kummerċjali. Ġew ikkunsidrati żewġ xenarji differenti ta' produzzjoni:

- “mingħajr ippuljar”, fejn kull BĊN kien ikun responsabbli għall-produzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro skond il-ħtiġijiet nazzjonali tiegħu. Fi kliem ieħor, kull BĊN kien jipproduċi kull denominazzjoni; u
- “ippuljar”, fejn kull BĊN kien jipproduċi għadd limitat biss ta' denominazzjonijiet, iżda b'mod li jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet taż-żona kollha tal-euro għall-dawk id-denominazzjonijiet partikolari.

L-ippuljar kien ikun iżjed effiċjenti. Kieku, ngħidu aħna, il-karti tal-flus tal-€50 kellhom jiġu prodotti minn erba' stamperiji minflok 15, l-ippuljar kien jagħmel il-karti tal-flus iżjed uniformi u dan kien jinvolvi inqas koordinazzjoni. Iżda din iż-żieda fl-effiċjenza kellha tiġi bbilanċjata kontra l-isforz u l-ispiża tad-distribuzzjoni ta' għadd enormi ta' karti tal-flus li kienu meħtieġa qabel l-introduzzjoni.



Mappa li turi s-siti tal-produzzjoni tal-karti tal-flus fejn ġie stampat l-ewwel ammont.

Diffikultà fl-arranġament tal-ippuljar kienet li dan ma setgħax jiġi organizzat qabel ma kien magħruf liema pajjiżi kienu se jadottaw l-euro. Iżda l-istamperiji kellhom jordnaw xi tagħmir tal-istampar qabel ma ttieħdet din id-deċiżjoni. B'xorti tajba, il-proġett tal-karti tal-flus tat-test u tal-prova mingħajr produzzjoni sussegwenti wrew li ma kien hemm l-ebda raġuni assoluta għall-ippuljar. Għalhekk ġie deċiż li l-ewwel ammont kellu jiġi stampat mingħajr ippuljar.

Naturalment, il-banek ċentrali nazzjonali setgħu jagħmlu arranġamenti bilaterali ta' ppuljar bejniethom. Dan kien utli b'mod speċjali għall-produzzjoni ta' ammonti żgħar tad-denominazzjonijiet l-għoljin, jiġifieri dawk tal-€200 u tal-€500. B'mod partikolari għal xi pajjiżi iżgħar, kien iżjed effiċjenti li ma jipproduċux dawn id-denominazzjonijiet iżda li jordnaw proporzjon mill-ammont tal-produzzjoni ta' pajjiż ikbar u b'hekk igawdu mill-ekonomiji ta' skala kbira.



Għalkemm il-BĊE kien responsabbli għall-koordinazzjoni tal-proġett kollu, kull bank ċentrali nazzjonali kien responsabbli biex jikseb il-karti tal-flus tiegħu mingħand l-istampatur tal-għażla tiegħu. B'hekk, l-ebda produzzjoni ma kienet organizzata ċentralment. Minflok, eventwalment kien hemm mhux inqas minn 70 kombinazzjoni ta' bank ċentrali/stamperija/denominazzjoni għall-produzzjoni tal-karti tal-flus fl-2001.

Il-produzzjoni fuq skala kbira tal-karta għall-karti tal-flus bdiet kmieni fl-1999 u l-istampar beda dak is-sajf fil-Belġju, Franza, l-Ġermanja, l-Italja, l-Olanda u Spanja. Fix-xhur ta' wara dan infirex għal stamperiji oħra. L-ewwel stamperiji li bdew il-produzzjoni ta' kull denominazzjoni pproduċew il-karti tal-flus ta' referenza. Wara li dawn ġew approvati mill-BĊE, l-istamperiji kollha kellhom jipproduċu l-karti tal-flus tagħhom bl-istess standards. Xi stamperiji kienu għadhom qed jipproduċu karti tal-flus nazzjonali u bdew jipproduċu l-karti tal-flus tal-euro iżjed tard. Il-Greċja bdiet tistampa tard fl-2000 minħabba li ma saritx pajjiż taż-żona tal-euro qabel l-2001.

Lejn it-tmiem tal-produzzjoni għall-introduzzjoni tal-euro, il-kapaċità totali tal-produzzjoni meħtieġa kienet ta' biljun karta tal-flus fix-xahar, jiġifieri 33 miljun kuljum, 1,400,000 fis-siegħa, 23,000 kull minuta jew bejn wieħed u ieħor 400 kull sekonda. Xi impjanti ħadmu lejl u nhar, bi tliet xiftijiet, inklużi l-btajjel pubbliċi. Total ta' 15-il stamperija pproduċew karti tal-flus tal-euro għall-introduzzjoni tal-munita l-ġdida: tlieta kienu fil-Ġermanja, tnejn fi Franza u waħda kull wieħed fil-pajjiżi l-oħra taż-żona tal-euro minbarra l-Lussemburgu. Waħda kienet fir-Renju Unit, jiġifieri barra ż-żona tal-euro.

Magna tal-istampar bil-litografija.

NOTA DWAR IS-SAĦĦA

Is-seba' karti tal-flus tal-euro kif ukoll il-materjali tal-produzzjoni mis-sorsi kollha ġew ittestjati skond ir-regolamenti Ewropej l-iżjed stretti dwar is-saħħa u s-sigurtà. Dawn it-testijiet, li kienu bbażati fuq l-istandard ISO 10993, twettqu mill-Organizzazzjoni Olandiża għar-Riċerka Xjentifika Applikata. Dawn ikkonfermaw li l-karti tal-flus tal-euro ma jikkawżawx problemi tas-saħħa fl-użu normali.



€-day



KAPITLU 4

IL-BIDLA

L-ISTIMA DWAR L-AMMONT TA' KARTI TAL-FLUS LI KELLHOM JIĠU STAMPATI


Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) stmax il-ħtiġijiet tagħhom għall-karti tal-flus tal-euro għall-introduzzjoni u għall-bqija tal-2002. L-ewwel stima tad-domanda prospettiva saret fl-1998 iżda ġiet aġġornata annwalment, u l-ammonti tal-produzzjoni ppjanata ġew aġġustati bl-istess mod. Fl-aħħar ftit xhur qabel il-bidla, il-banek kummerċjali talbu iżjed karti tal-flus ta' denominazzjoni baxxa milli kien mistenni u t-talbiet tagħhom kellhom jiġu sodisfatti.

Il-produzzjoni tal-bidu tal-karti tal-flus kienet tikkonsisti f'"ħażniet introduttivi" li kellhom jissostitwixxu l-karti tal-flus nazzjonali li kienu fiċ-ċirkolazzjoni qabel l-introduzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro, u ta' "ħażniet loġistiċi" li kellhom jiżguraw provvista ta' karti tal-flus tul is-sena kollha. Id-diffikultà għall-BĊN kienet dik li jikkalkulaw id-domanda għal kull denominazzjoni tal-euro, minħabba li l-valuri tal-karti tal-flus nazzjonali kienu differenti mid-denominazzjonijiet tal-euro. Kellha ssir stima bir-reqqa tal-effetti probabbli tas-sostituzzjoni ta' xi denominazzjonijiet nazzjonali b'muniti tal-euro tal-introduzzjoni ta' denominazzjonijiet għoljin tal-euro.

Fl-aħħar, kellha titqies id-domanda minn pajjiżi barra ż-żona tal-euro. B'mod partikolari, il-karti tal-flus tad-Deutsche Mark kienu użati estensivament barra l-Ġermanja, speċjalment fl-Ewropa ċentrali u tal-lvant. F'termini ta' valur, ġie stmat li madwar terz tal-karti tal-flus tad-DM (ekwivalenti għal €32-45 biljun) kienu qed jintużaw barra l-Ġermanja. Kien impossibbli li jkun magħruf kemm minn dawn kienu se jinbidlu f'euro u kemm il-pajjiżi l-oħra taż-żona tal-euro b'konfini mal-Ewropa tal-lvant kienu se jibdlu dawn il-karti tal-flus.

L-ammont tal-produzzjoni tal-bidu ġie ffissat fl-2001 fil-livell ta' 14.9 biljun karta tal-flus (li kien jirrappreżenta valur ta' iżjed minn €633 biljun), li minnhom bejn disa' u għaxar biljuni kellhom ikunu ħażniet tal-introduzzjoni, li kellhom jissostitwixxu l-karti tal-flus nazzjonali fiċ-ċirkolazzjoni, u madwar ħames biljun karta tal-flus kellhom ikunu l-ħażna loġistika. L-istima għall-ħażniet tal-introduzzjoni ttieħdet mill-karti tal-flus nazzjonali fiċ-ċirkolazzjoni (11.7 biljun karta tal-flus fi tmiem l-2000), għalkemm imbagħad sar magħruf li fil-fatt kien meħtieġ ammont iżgħar ta' karti tal-flus. Sena wara li ġew introdotti, kien hemm 8.2 biljuni ta' karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni. Sal-aħħar tal-2006, din iċ-ċifra żdiedet għal 11.3 biljuni.

Minbarra l-ħażniet tal-introduzzjoni u dawk loġistiċi, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ddeċieda kmieni fl-2001 li jwaqqaf "ħażna ta' riżerva ċentrali" (CRS) ta' karti tal-flus tal-euro biex tagħmel tajjeb f'każ ta' problemi ta' produzzjoni, nuqqas ta' kwantità u kwalità u/jew żidiet qawwija fid-domanda għal xi denominazzjonijiet partikolari. Is-CRS kien jikkonsisti f'1.9 biljun karta tal-flus (magħmula mid-denominazzjonijiet tal-karti tal-flus l-iżjed użati għall-ħlasijiet, notevolent €5, €10, €20, €50 u €100) u dawn ġew prodotti fil-biċċa l-kbira minn konsorzju ta' stamperiji Ewropej li setgħu jipproduċu iżjed. Il-BĊE għamel din l-ordni u xtara l-karti tal-flus. Il-BĊN li kienu jeħtieġu karti tal-flus mis-CRS kellhom jixtruhom mingħand il-BĊE. Madwar 30% ta' din il-ħażna ntuża qabel u waqt il-bidla. Il-bqija tas-CRS ġiet trasferita kollha għall-Ħażna Strateġika tal-Eurosistema.



- 3.7% □ Il-Belġju
- 32.1% ■ Il-Ġermanja
- 4.2% □ Il-Greċja
- 12.9% □ Spanja
- 15.2% ■ Franza
- 2.0% □ L-Irlanda
- 16.4% ■ L-Italja
- 0.3% ■ Il-Lussemburgu
- 4.4% ■ L-Olanda
- 3.7% ■ L-Awstrija
- 3.6% □ Il-Portugall
- 1.5% □ Il-Finlandja

TOTAL 100%

L-ammont tal-produzzjoni tal-bidu bis-sehem ta' kull bank ċentrali nazzjonali.



Karti tal-flus tal-euro mgerba fil-fojl maħżuna fil-Banco de España f'Madrid.

ĊIRKOLAZZJONI TAL-KARTI TAL-FLUS U ĦAŻNIET TAL-KARTI TAL-FLUS

Jitqies li l-karti tal-flus (u l-muniti) ikunu “fiċ-ċirkolazzjoni” wara li jinħarġu, is-soltu lill-banek kummerċjali, minn bank ċentrali nazzjonali (BĊN). L-ċifra taċ-ċirkolazzjoni tonqos meta l-karti tal-flus jintbagħtu lura lil xi BĊN. “Karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni” tfisser il-karti tal-flus maħruġa minbarra l-karti tal-flus mibgħuta lura. Il-karti tal-flus ikunu wkoll “fiċ-ċirkolazzjoni” jekk ma jkunux qed jintużaw għall-ħlasijiet, iżda jkunu qed jinħażnu fil-banek jew iddepożitati ġewwa l-karusijiet.

Il-BĊN jaħżnu karti tal-flus ġodda u użati. Wara li jiġu ċċekkjati għall-“kondizzjoni tajba”, jiġifieri li jkunu fiżikament f’kondizzjoni tajba, u għall-awtentiċità, il-karti tal-flus użati jstgħu jerġgħu jinħarġu. Il-karti tal-flus li jkunu f’kondizzjoni ħażina jitqattgħu fi bçejeċ irqaq u l-foloz jiġu rrapportati lill-pulizija. L-Eurosistema żżomm żewġ tipi ta’ ħażniet tal-karti tal-flus: loġistiċi u strateġiċi.

Il-ħażniet loġistiċi huma l-ħażniet li bihom jaħdmu l-BĊN biex jissodisfaw id-domanda għall-karti tal-flus f’sitwazzjonijiet normali, inkluża d-domanda għolja skond l-istaġun.

Dawn jinżammu:

- biex jissostitwixxu karti tal-flus f’kondizzjoni ħażina li jinġabru miċ-ċirkolazzjoni;
- biex jissodisfaw żieda mistennija fiċ-ċirkolazzjoni;
- biex jissodisfaw ċaqliq staġjonali fid-domanda;
- u biex isir l-aħjar użu tat-trasport tal-karti tal-flus bejn il-fergħat tal-BĊN.

Iktar ma jkun kbir in-netwerk ta’ BĊN, iktar ikunu meħtieġa ħażniet, minħabba li kull fergħa trid tissodisfa d-domanda potenzjali għad-denominazzjonijiet kollha fi kwalunkwe ħin.

Tul iż-żmien, jista’ jkun hemm żbilanċi (żejjed jew nieqes) fil-ħażniet loġistiċi f’xi BĊN minħabba nies li jivvjaġġaw minn pajjiż taż-żona tal-euro għal ieħor u li jieħdu l-karti tal-flus tal-euro magħhom. Jekk xi BĊN ma jkollux biżżejjed karti tal-flus ta’ denominazzjoni partikolari, jista’ jiġbed mill-Ħażna Strateġika tal-Eurosistema jekk il-ħażna loġistika żejda ta’ BĊN oħra ma tkunx biżżejjed.

Skorta armata għall-kontanti tal-euro fl-istamperija
tal-karti tal-flus f'Carregado, il-Portugall.



SKEMA GĦALL-MANIĠĠ TAL- ĦAŻNA GĦALL-BIDLA

Minħabba r-reviżjoni regolari tal-pjanijiet tal-BĊN għall-produzzjoni tal-karti tal-flus u t-twaqqif tas-CRS, kulħadd assumu li qabel il-bidla tal-kontanti l-Eurosistema kellha ħażniet biżżejjed ta' karti tal-flus tal-euro. Iżda fl-aħħar xhur qabel l-introduzzjoni, minħabba ammonti kbar ta' karti tal-flus ta' denominazzjoni baxxa li kienu qed jiġu pprovduti lill-banek kummerċjali, inqalgħu dubji jekk il-provvisti ta' kull BĊN kienux se jkunu biżżejjed biex jissodisfaw id-domanda kmieni fl-2002. Dan kien jgħodd b'mod partikolari għall-karti tal-flus tal-€5. Għalhekk, l-Eurosistema waqqfet sistema ta' maniġġ tal-ħażna biex tnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' xi nuqqasijiet reġjonali.

Din is-sistema kienet tippermetti lill-BĊN li kienu qed iħabbtu wiċċhom ma' nuqqas imminenti ta' karti tal-flus, biex malajr ikollhom aċċess għas-CRS. Barra dan, il-BĊN kollha ntrabtu li jgħinu lil xulxin billi jqiegħdu karti tal-flus żejda għad-dispożizzjoni ta' min kien jeħtieġhom. Jekk xi BĊN kienu qed jispiċċawlu l-karti tal-flus, l-ewwel kellu jirrikorri għand is-CRS. Jekk is-CRS ma setax jissodisfa t-talba, il-BĊN l-oħra kellhom ikunu lesti li jagħmlu trasferimenti ta' emerġenza ta' karti tal-flus żejda

mill-ħażniet loġistiċi tagħhom. Għal dan il-għan, f'Diċembru 2001 il-BĊN aġġornaw il-previżjoni tagħhom dwar il-kwantitajiet massimi meħtieġa sal-aħħar ta' Frar 2002 u pprovdew ukoll lill-BĊE b'dejta dettaljata dwar il-livelli tal-inventarji tal-karti tal-flus li kienu jeħtieġu biex tiġi żgurata provvista bla xkiel ta' karti tal-flus. Dan it-tagħrif, flimkien ma' aġġornamenti ta' kuljum dwar l-għadd ta' karti tal-flus li tqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni mill-l ta' Jannar 2002, ippermetta lill-BĊE li jissorvelja d-domanda għall-karti tal-flus u l-provvista tagħhom fil-ġranet kritiċi tal-bidla.

Bejn Novembru 2001 u Jannar 2002, xi BĊN talbu iżjed minn 500 miljun karta tal-flus tal-€5 u tal-€10 mingħand is-CRS. Iżda attwalment il-biċċa l-kbira ta' dawn il-karti tal-flus ma nħarġux fil-perijodu tal-bidla, billi l-kwantitajiet li ġew ipprovduti lill-banek fil-bidu ssodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom, u fl-ewwel ġimgħat ta' Jannar 2002, il-BĊN ġibdu ftit karti tal-flus. Madankollu, is-sistema għall-maniġġ tal-ħażna għenet biex jiġi evitat kwalunkwe tfixkil u ħejjiet it-triq għal sistema permanenti għall-maniġġ tal-ħażniet wara l-bidla.



Kunsinna ta' kontanti tal-euro lil supermarket fl-Awstrija għall-aħħar tal-2001.

TQASSIM KMIENI TA' KARTI TAL-FLUS U MUNITI

Fl-aħħar erba' xhur tal-2001, waqt li l-karti tal-flus u l-muniti tal-muniti nazzjonali kienu għadhom fiċ-ċirkolazzjoni, in-neozji fiż-żona tal-euro kollha, notevolment il-banek u l-ħwienet, bnew ħażniet ta' karti tal-flus u muniti tal-euro f'żewġ stadji magħrufa bħala “*frontloading*” u “*sub-frontloading*”. Fl-ewwel stadju, il-BĊN ikkunsinjaw karti tal-flus u muniti lill-banek kummerċjali, li, imbagħad, qassmu l-kontanti l-ġodda lill-ħwienet, fergħat tal-banek eċċ. Il-kontanti l-ġodda kien għadhom mhumiex valuta legali u ċ-ċirkolazzjoni tagħhom kienet ipprojbata. Iżda l-*frontloading* u s-*sub-frontloading* żguraw li kien hemm biżżejjed karti tal-flus u muniti qabel l-1 ta' Jannar 2002 u li l-kumpaniji li jgħorru l-kontanti setgħu jużaw is-7,600 vettura tagħhom b'iżjed effiċjenza, u b'hekk ġew evitati diffikultajiet fil-provvista tal-kontanti lejn tmiem l-2001. Minn dan it-tqassim kmieni tal-kontanti gawdew oħrajn ukoll:

- il-banek imlew il-200,000 magna għall-ġbid tal-flus b'karti tal-flus tal-euro;
- il-bejjieġha bl-imnut ħejjew il-magni tagħhom li jirreġistraw il-bejgħ;

- il-banek u l-operaturi tal-magni tal-bejgħ bnew jimlew il-magni tagħhom bl-euro.

Nuqqas tal-karti tal-flus u tal-muniti l-ġodda fl-ewwel jiem tal-2002 kien mhux biss jagħmel riklam ħażin għall-munita l-ġdida, iżda kien ukoll itawwal iċ-ċirkolazzjoni simultanja tal-muniti nazzjonali u l-kontanti tal-euro, li kienet limitata għal massimu ta' tmien ġimgħat. Kunsinni li kienu kbar u puntwali biżżejjed setgħu jiżguraw bidla bla xkiel u b'hekk iżommu u jtejbu l-fiduċja fil-munita l-ġdida, kemm tal-pubbliku kif ukoll tas-swieq finanzjarji. F'termini ta' volum, qrib it-80% tad-domanda tal-bidu għall-karti tal-flus u 97% tal-ħtiġijiet totali għall-muniti (inklużi s-settijiet tal-bidu tal-muniti tal-euro għall-pubbliku) għall-bidla kienu kkunsinjati sa tmiem l-2001.

Minħabba ċirkostanzi differenti – id-daqs ta' kull pajjiż taż-żona tal-euro, l-ekonomiji tagħhom, l-infrastruttura għall-provvista tal-kontanti tagħhom u x-xenarji nazzjonali għall-bidla – kull BĊN beda jqassam il-kontanti lill-banek u lill-ħwienet fi żmien differenti.

Klijent qed jixtri sett tal-bidu li fih il-muniti tal-euro f'bank f'Pariġi.



Il-perijodu massimu kien ta' erba' xhur, jiġifieri beda fl-1 ta' Settembru 2001. Għal raġunijiet loġistiċi, ma kienx hemm ġustifikazzjoni biex dan jinbada qabel; dan kien ukoll iżjed ir-riskji għas-sigurtà kif ukoll ir-riskju li l-kontanti tal-euro jidħlu fiċ-ċirkolazzjoni qabel il-waqt. Spiss, l-iskedi għall-provvista tal-karti tal-flus kienu differenti minn dawk għall-muniti. Bħala regola ġenerali, il-muniti ġew ikkunsinjati iżjed kmieni minħabba li l-piż loġistiku tat-trasport tal-muniti kien ogħla minn dak tat-trasport tal-karti tal-flus, u dan ukoll minħabba l-fatt li l-valur nominali tagħhom, u b'hekk ir-riskju għas-sigurtà, kien iżjed baxx.

Il-banek u l-bejjiegħa bl-imnut li rċevew il-kontanti kienu obbligati legalment jew b'mod kuntrattwali mill-BĊN li pprova l-kontanti, li ma jgħadduhomx lill-konsumaturi qabel l-1 ta' Jannar 2002. Ċirkolazzjoni qabel il-waqt tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kienet tisfratta l-pjanijiet u toħloq konfużjoni. Il-banek kellhom jixtru assigurazzjoni biex ikun kopert ir-riskju tal-qerda u tas-serq, kif ukoll ir-riskju tal-użu qabel il-waqt mill-pubbliku

tal-kontanti pprovduti lill-banek. Il-karti tal-flus tal-euro kkunsinjati lill-banek baqgħu il-proprjetà tal-banek ċentrali sa 00.00 ta' l-1 ta' Jannar 2002 f'kull pajjiż. Alternattivament, jekk l-arranġamenti għaż-żamma tad-dritt tal-proprjetà ma kienux possibbli jew ma setgħux jiġu infurzati skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-karti tal-flus tal-euro pprovduti lill-banek kellhom jiġu żgurati permezz ta' garanzija.

B'differenza mill-banek, ħwienet u organizzazzjonijiet oħra, il-pubbliku ma ngħatax kontanti tal-euro qabel l-introduzzjoni, b'eċċezzjoni waħda importanti: il-pubbliku seta' jixtri settijiet tal-bidu tal-muniti fl-aħħar ġimgħatejn tal-2001, jew mill-banek jew direttament mill-BĊN. Is-settijiet tal-bidu kien fihom ammonti żgħar li kienu jvarjaw minn €3.88 (ekwivalenti għal 23 markkas Finlandiżi) sa €15.25 (ekwivalenti għal 100 franc Franċiż). L-idea kienet li l-pubbliku seta' jsir midħla tal-muniti biex il-bidla tkun iżjed faċli. Il-pubbliku kien mistenni juża l-muniti tal-euro biex iħallas fl-ewwel jiem tal-2002 biex b'hekk tal-ħwienet seta' jkollhom iżjed żgħar.



Sigurtà stretta għal kunsinna ta' euro li tielqa minn fergħa tal-Banca d'Italia qrib Ruma.

Il-BĊN qalu fil-kampanji ta' informazzjoni tagħhom li s-settijiet tal-bidu għandhom jintnefqu iktar milli jinżammu għal kollezzjoni, iżda ma setgħax jonqos li n-nies kienu interessati jżommuhom bħala tifkira tal-ġrajja storika u sabuha bi tqila biex jonfquhom. Is-settijiet ġew prodotti fi kwantitajiet żgħar biss u f'xi pajjiżi inbiegħu kollha f'48 siegħa.

Iżda għaliex il-banek riedu jżommu ħażniet kbar ta' kontanti tal-euro ħafna qabel id-data tal-introduzzjoni? Il-flus kontanti ma jagħtux imgħax u joħolqu spejjeż ta' likwidità għall-banek. Kien jeħtieġ li dawn l-ispejjeż addizzjonali jiġu newtralizzati. Biex il-banek jitħeġġu jaċċettaw kunsinni ta' karti tal-flus u muniti minn kmieni, sar ftehim dwar mudell ta' debitar. Dan kien jeħtieġ:

- li jirrifletti l-investimenti addizzjonali tal-banek f'kontanti tal-euro;
- li jkun sempliċi u faċli biex jiġi implimentat;
- li ma jiddisturbax ir-relazzjonijiet bejn il-banek u l-klijenti tagħhom.

Skond il-“mudell ta' debitar lineari”, il-flus kontanti ma ġewx iddebitati lill-banek rispettiv mill-ewwel, iżda terz tal-flus ġie ddebitat bil-valur nominali lill-banek fit-2, it-23 u t-30 ta' Jannar 2002 rispettivament.

Dawn id-dati ħadu kont tal-operazzjonijiet ewlenin ta' refinazzjament tal-bidu tal-2002, li permezz tagħhom il-BĊE pprova (u għadu jipprova) likwidità lill-banek kummerċjali. Il-Kunsill Governattiv tal-BĊE qabel li l-mudell tad-debitar kellu jibqa' l-uniku strument fil-livell tal-Eurosistema li kellu jinnewtralizza l-ispejjeż imġarrba minn dawk li kienu involuti fil-bidla tal-flus kontanti. Iżda f'livell nazzjonali, kienet possibbli l-introduzzjoni ta' eċċezzjonijiet ristretti u speċifiċi, sakemm il-miżuri previsti kienu jiffaċilitaw il-bidla tal-flus kontanti. Per eżempju, xi BĊN offrew inċentivi finanzjarji lill-banek li aċċettaw kmieni l-kunsinni ta' karti tal-flus ta' denominazzjoni baxxa jew li taw lura l-munita nazzjonali kmieni.

Minħabba li għadd sinifikanti ta' karti tal-flus maħruġa mill-BĊN kienu fiċ-ċirkolazzjoni barra ż-żona tal-euro, saru kunsinni bikrin ta' flus kontanti f'dawn il-postijiet ukoll għalkemm b'mod iżjed ristrett. Linja gwida tal-BĊE rregolat it-tqassim tal-flus kontanti lill-banek kummerċjali barra ż-żona tal-euro minn banek ta' ġewwa ż-żona tal-euro mill-l ta' Diċembru 2001. Il-banek kellhom permess iqassmu l-karti tal-flus tal-euro lill-fergħat u l-kwartieri ġenerali tagħhom li kienu jinsabu barra ż-żona tal-euro.

Gwardji armati qed iħarsu trakk li qed iġorr l-euro waqt li niezeli minn fuq lanċa fil-Greċja



Barra dan, il-banek kellhom permess jgħaddu flus kontanti lis-sussidjarji tagħhom, kif ukoll lil banek oħra bil-kwartieri ġenerali u/jew netwerks ta' fergħat barra ż-żona tal-euro.

Linja gwida sussegwenti tal-BĊE estendiet il-possibiltà ta' kunsinni bikrin tal-karti tal-flus tal-euro barra ż-żona tal-euro. Il-banek barra ż-żona tal-euro li kienu jispeċjalizzaw fit-tqassim bl-ingrossa tal-karti tal-flus irċevew flus kontanti mill-BĊN u għaddewhom lill-banek klijenti tagħhom barra ż-żona tal-euro. Barra dan, il-BĊN barra ż-żona tal-euro setgħu jirċievu karti tal-flus tal-euro u jikkunsijnawhom lil banek fil-ġurisdizzjoni tagħhom. Iżda li jgħaddu flus lill-bejjieġha bl-imnut, per eżempju, kienet ħaġa projbita barra ż-żona tal-euro.

It-tqassim tal-karti tal-flus tal-euro lil kwalunkwe lokalità barra ż-żona tal-euro kien permess biss mill-I ta' Diċembru 2001. F'termini ta' valur, €4.1 biljun ġew ikkunsinjati lil istituzzjonijiet tal-kreditu speċjalizzati u lill-BĊN barra ż-żona tal-euro. Il-Bundesbank tal-Ġermanja kien responsabbli għal 78% tat-tqassim u l-bank ċentrali Franċiż għal 12%.

L-Ewropa tal-lvant, inklużi l-Balkani tal-punent u t-Turkija (fejn iċ-ċirkolazzjoni parallela tal-karti tal-flus tad-Deutsche Mark kienet kbira), irċevew iżjed minn nofs il-karti tal-flus kollha li ntbagħtu barra ż-żona tal-euro. Ammonti kbar ġew ittrasferiti wkoll lejn l-Afrika ta' Fuq u lejn banek grossisti internazzjonali per eżempju, fl-Isvizzera u r-Renju Unit.

FRONTLOADING U SUB-FRONTLOADING

“Frontloading” kienet il-kunsinna fiżika ta' karti tal-flus u muniti tal-euro mill-BĊN lill-banek kummerċjali jew lill-aġenti maħtura tagħhom (kumpaniji li jgħorru l-flus kontanti) bejn l-I ta' Settembru u l-31 ta' Diċembru 2001. L-att li bih dawn il-karti tal-flus u l-muniti għaddew mill-I ta' Settembru 2001 lil partijiet terzi, bħalma huma ħwienet, ristoranti kif ukoll fabbrikanti u sidien ta' magni tal-bejgħ, ġie msejjaħ “sub-frontloading”. L-istrumenti għall-frontloading u s-subfrontloading, inkluż il-mudell għad-debitar għall-ammonti ttrasferiti b'dan il-mod, kienu regolati minn linji gwida tal-BĊE.

L-IFFAĊILITAR TAL-BIDLA TAL-FLUS GĦALL-BEJJIEGĦA BL-IMNUT

Ħafna bejjiegħa bl-imnut kienu nkwetati għax ħasbu li kien se jkollhom iżommu ammonti kbar ta' muniti fil-jiem bikrin tal-2002, minħabba li l-ħwienet kellhom ikunu l-mezz ewlieni għat-tqassim tal-muniti l-ġodda (waqt li l-biċċa l-kbira tal-karti tal-flus kienu se jinħarġu permezz tal-magni għall-għbid tal-flus). Is-settijiet tal-bidu tal-muniti kienu maħsuba biex inaqqsu dan it-tħassib u, għall-istess raġuni, il-banek ġew imħeġġa jqiegħdu karti tal-flus ta' denominazzjoni baxxa iżjed milli dawk ta' denominazzjoni għolja fil-magni tagħhom għall-għbid tal-flus. Ukoll, il-korpi uffiċjali ġew imħeġġa jagħmlu ħlasijiet ta' benefiċċji (li sikwit isiru fi flus kontanti) permezz ta' karti tal-flus ta' valur baxx.

Il-pubbliku wkoll ġie mitlub jgħin. Fil-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro tal-2002 il-pubbliku ġie mitlub: inaqqas ħlasijiet imħallta, jgħifieri b'munita nazzjonali u bl-euro; jibda juża l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kemm jista' jkun malajr; fejn jista' jkun jagħti l-ammont eżatt meta jħallas.

IL-ĦRUĠ TAL-KONTANTI TAL- EURO FIĊ-ĊIRKOLAZZJONI

L-ammont totali tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni fl-ewwel jiem tal-bidla tal-flus kien ħafna oġġla milli mistenni. Jekk il-karti tal-flus li kienu ħerġin fiċ-ċirkolazzjoni jitqabblu ma' banju li qed jimtela bl- ilma, allura l-banju kien qed jimtela dejjem iżjed, u mtela ħafna iżjed milli kien mistenni. Dan ġara minħabba r-rata għolja ta' fluss mill-“vit tal-euro”, li seta' jinfetaħ ħafna minħabba l-ammonti kbar ta' kontanti kkunsinjati qabel il-bidla. Iżda l-“pajp tad-drenaġġ” għall-karti tal-flus nazzjonali kienet iżgħar, u dan wassal għat-tneħħija bil-mod tal-muniti nazzjonali miċ-ċirkolazzjoni.

Waqt il-perijodu tal-bidla, il-BĊE ssorvelja l-ammont tal-karti tal-flus u muniti tal-euro maħruġa u l-ammont ta' muniti nazzjonali rtirati

fuq bażi ta' jum b'jum. Iċ-ċart fil-paġna 63 turi l-għadd totali ta' karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni wara l-introduzzjoni tal-kontanti tal-euro. Minħabba li l-karti tal-flus kollha mqasmin minn qabel lill-banek ġew irreġistrati bħala flus “fiċ-ċirkolazzjoni”, iċ-ċirkolazzjoni żdiedet għal valur ta' €403 biljun fl-l ta' Jannar 2002, u kienet oġġla b'6% fuq dik tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni fl-istess jum tal-2001.

L-għadd totali tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni naqas jum wara l-ieħor, minħabba li l-volum tal-karti tal-flus nazzjonali rtirati baqa' oġġla mill-ħruġ tal-karti tal-flus tal-euro. Fit-28 ta' Frar 2002, għall-ewwel darba, inħarġu iżjed karti tal-flus tal-euro milli ġew irtirati karti tal-flus nazzjonali. Dak inhar, il-valur totali tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni laħaq il-€285.1 biljun, li kien xi kwart inqas minn dak tat-28 ta' Frar 2001.

Id-domanda għall-karti tal-flus tal-€5 u tal-€10 kienet estremament għolja fil-bidu tal-perijodu tal-bidla tal-kontanti minħabba li l-Eurosistema kienet ħeġġet lill-banek iqassmu l-iżjed karti tal-flus ta' valur baxx. Wara l-ewwel jiem tal-bidla, iċ-ċirkolazzjoni ta' dawn id-denominazzjonijiet baxxi naqset malajr – b'iżjed minn 30% (€5) u kważi 20% (€10) f'xahar wieħed. B'kuntrast, id-domanda għall-karti tal-flus ta' valur għoli żdiedet b'mod stabbli. Dan jidher fil-valur medju ta' karta tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni, li żdied minn €28 f'Jannar 2002 għal €44 sa tmiem dik is-sena. F'Diċembru 2006, il-valur medju ta' karta tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni kien ta' €55.

Fl-ewwel ġimagħtejn ta' Jannar, is-sehem tal-ħlasijiet bil-flus kontanti mill-volum totali tal-ħlasijiet żdied fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi taż-żona tal-euro billi n-nies kienu qed jużaw l-aħħar muniti nazzjonali li kien baqgħalhom u kienu qed isiru midħla tal-euro. Din is-sitwazzjoni bdiet terġa' lura għan-normal fl-aħħar ġimagħtejn ta' Jannar. Is-sehem tal-ħlasijiet b'kontanti tal-euro laħaq medja ta' 75% sas-7 ta' Jannar u qabeż id-90% sa nofs Jannar.



L-1 ta' Jannar, eżatt wara nofs il-lejl: xi karti tal-flus tal-euro ġodda fjamanti qed jiġu eżaminati bir-reqqa f'Maastricht.

L-IRTIRAR TAL-KARTI TAL-FLUS U TAL-MUNITI NAZZJONALI

Il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet nazzjonali ppruvaw minn qabel inaqqsu l-piż tax-xogħol għall-banek, bejjiegħa bl-imnut u l-kumpaniji li jgħorru l-kontanti waqt il-perijodu tal-bidla billi ħeġġew lill-pubbliku jiddepożita l-muniti nazzjonali fil-banek ħafna qabel Jannar 2002. Barra dan, l-għaqdiet tal-karità organizzaw kampanji biex in-nies jagħtu l-muniti l-“qodma” għall-karità. Il-valur totali tal-muniti nazzjonali fiċ-ċirkolazzjoni naqas b'9% fl-2001: minn €17.9 biljuni fi tmiem l-2000 għal €16.3 biljuni l-2 il xahar wara. F'termini ta' volum, 107.5 biljuni ta' muniti nazzjonali kienu għadhom fiċ-ċirkolazzjoni fi tmiem l-2001, jiġifieri iżjed mid-doppju tal-volum totali tal-muniti prodotti għall-introduzzjoni tal-euro.

Din id-diskrepanza tista' tiġi spjegata bl-imġieba ta' trekkin tal-flus minn xi utenti. B'mod partikolari, il-muniti ta' valur baxx spiss jiġġemmgħu tul perijodu ta' żmien twil (p.e. f'karusijiet) u b'hekk jisparixxu miċ-ċirkolazzjoni. Barra dan, dawn il-muniti jistgħu jispiċċaw miżmuma mill-kollezzjonisti, li ftit joqogħdu attenti għall-valur totali tal-muniti li jkollhom. Dawn il-muniti żgħar jintużaw fil-ħlasijiet b'mod limitat biss, u l-bqija li tingħata mhux dejjem tintefaġ fuq xiri ta' affarijiet oħra. Barra dan, il-banek kummerċjali ma jsarrfux il-muniti li t-turisti jgħibu lura magħhom lejn pajjiżhom u b'hekk dawn il-muniti “jintilfu” wkoll. It-trekkin u t-telf tal-muniti joħolqu l-ħtieġa biex muniti ġodda jitqiegħdu fiċ-ċirkolazzjoni l-ħin kollu, u b'hekk toġhla ċ-ċifra taċ-ċirkolazzjoni.


F'termini ta' valur, xi terz tal-muniti nazzjonali ġew irtirati miċ-ċirkolazzjoni sal-aħħar ta' Frar 2002, u b'hekk iċ-ċifra taċ-ċirkolazzjoni naqset minn €16.3 biljuni għal €11.3 biljuni.

Fl-2001, il-valur tal-karti tal-flus nazzjonali fiċ-ċirkolazzjoni naqas bi kważi terz għal €270 biljun. It-tnaqqis baqa' għaddej b'ritmu qawwi minn Jannar 2002. Kull jum, il-flus mogħtija lura lill-BĊN kienu jammontaw għal 4-6% tal-karti tal-flus nazzjonali li kien baqa' fiċ-ċirkolazzjoni. Sal-aħħar ta' Frar 2002, il-valur kien naqas għal €53.8 biljuni. F'termini ta' valur, sa tmiem l-2002, kienu ġew mogħtija lura 95.1% tal-karti tal-flus nazzjonali fiċ-ċirkolazzjoni.

Billi l-karti tal-flus nazzjonali l-qodma għad jistgħu jissarrfu f'euro mill-BĊN li jkun u ħarguom għal żmien twil ħafna jew ukoll għal żmien indefinit, volumi residwi se jibqgħu “fiċ-ċirkolazzjoni”. Xi karti tal-flus u muniti nazzjonali x'aktarx ikunu nżammu għal raġunijiet sentimentali jew bħala oġġetti tal-kollezzjonisti.

Biex titnaqqas il-probabbiltà tas-serq, ġew implimentati “skemi ta' marki” għall-karti tal-flus nazzjonali fil-Belġju, Franza, l-Italja, il-Lussemburgu u Spanja mill-1 ta' Jannar 2002. Il-karti tal-flus ġew invalidati permezz ta' titqib jew billi nqatgħatilhom il-kantuniera biex ma jkunux jistgħu jerġgħu jissarrfu jew jintużaw għall-ħlas. Bħala konsegwenza ta' dan, il-ħlas tal-assigurazzjoni magħmul mill-banek u l-uffiċċji postali għat-trasport tal-kontanti naqas, u dan taffa l-piż finanzjarju tagħhom.

Valur tal-karti tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni mill-1 ta' Jannar sat-28 ta' Frar 2002



Iż-żieda tal-karti tal-flus il-ġodda u t-tnaqqis tal-qodma kmieni fl-2002
– kif jidher mill-faxxa l-blu li qed titwessa u l-faxxa s-safra li qed tidjieq.



Espert tal-magni tal-flus qed jittestja muniti tal-euro ġejjin minn zekki differenti f'sit tad-Deutsche Bundesbank qrib Frankfurt.

ADATTAMENT TAL-MAGNI GĦALL-ĠBID TAL-FLUS U TAL-MAGNI MĦADDMA BIL- KONTANTI

Il-magni għall ġbid tal-flus normalment huma responsabbli għal 70% tal-ġbid tal-karti tal-flus mill-kontijiet bankarji. Iżda tul l-ewwel għaxart ijiem tal-bidla għall-kontanti tal-euro f'Jannar 2002, il-pubbliku uża ħafna iżjed is-servizz tal-kaxxiera f'218,000 bank u fl-uffiċċji postali biex jiġbed l-euro jew biex isarraf il-munita nazzjonali. F'xi pajjiżi, bħall-Ġermanja u Spanja, fejn il-banek kienu miftuħin għall-pubbliku fl-l ta' Jannar, il-volum ta' kontanti pprovdut lill-individwi mill-kaxxiera kien saħansitra ogħla minn dak li ngħied mill-magni għall-ġbid tal-flus.

L-Eurosistema ħeġġet konverżjoni f'waqtha u mgħaġġla tal-magni għall-ġbid tal-flus, biex b'hekk mill-l ta' Jannar, il-biċċa l-kbira taw biss karti tal-flus tal-euro (u mhux kontanti fil-munita nazzjonali).

Il-kumpaniji li kellhom jadattaw it-tagħmir tagħhom tal-kontanti (p.e. magni għall-ġbid tal-flus u magni tal-bejgħ) għall-euro kellhom l-opportunità jittestjaw il-karti tal-flus il-ġodda ħafna qabel il-bidla. Waqt li l-produzzjoni tal-karti tal-flus kienet

miexja 'il quddiem, l-istamperiji bdew iqiegħdu iżjed denominazzjonijiet għad-dispożizzjoni biex jiġu ttestjati. Kien hemm tliet stadji:

- F'Mejju u Settembru 2000, ġew offruti lill-manifatturi tat-tagħmir żewġ sensiliet għal testijiet ċentralizzati. Haddu sehem b'kollox 54 kumpanija minn pajjiżi ġewwa u barra l-UE (inklużi l-Ġappun u l-Istati Uniti). It-testijiet twettqu f'bini mħares tal-Bundesbank qrib Frankfurt, taħt is-sorveljanza tal-BĊE. Kull kumpanija kellha posta żgħira għat-testijiet fejn kienet tista' tanalizza l-karti tal-flus bit-tagħmir tagħha stess. Pakkett b'tagħrif ġenerali dwar l-ispeċifikazzjonijiet tal-karti tal-flus tal-euro, inkluż tagħrif dwar il-pożizzjonijiet u n-natura tal-karatteristiċi tas-sigurtà, għen lill-kumpaniji jiddeċiedu liema karatteristiċi setgħu jiġu ċċekkjati mis-sensors tagħhom biex jiġi stabbilit jekk karta tal-flus tkunx ġenwina.

*Esperti tal-magni tal-flus qed jittestjaw karti tal-flus tal-euro
f'sit tad-Deutsche Bundesbank qrib Frankfurt.*



- Minn Marzu 2001, dawn it-testijiet ġew organizzati fit-tnax il-pajjiż taż-żona tal-euro u fir-Renju Unit. F'dawn it-testijiet ħadu sehem iżjed minn 150 organizzazzjoni. Din id-darba, ġew mistiedna wkoll fornituri tas-servizzi (inklużi kumpaniji li jagħmlu l-manutenzjoni tal-magni għall-ġbid tal-flus).
- Mill-1 ta' Settembru 2001, il-kumpaniji għamlu testijiet tal-laboratorju fuq l-ewwel kunsinni tal-karti tal-flus fil-bini tagħhom. Biex ma ssirx diskriminazzjoni kontra l-manifatturi tat-tagħmir sitwati barra ż-żona tal-euro, li ma setgħux jirċievu karti tal-flus tal-euro, dawn il-kumpaniji setgħu jixtru karti tal-flus tal-euro mingħand il-Bundesbank.

Wara tnejn bir-reqqa mill-manifatturi u l-operaturi tal-magni għall-ġbid tal-flus u mill-banek, il-konverżjoni ta' dan it-tagħmir saret b'ħeffa fiż-żona tal-euro kollha, u żdiedet minn 90% fit-2 ta' Jannar 2002 għal prattikament 100% jumejn wara. L-għadd ta' ġbid mill-magni għall-ġbid tal-flus kien għoli ħafna fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar 2002, u dan

irrifletta l-entużjażmu u l-kurżità tal-pubbliku dwar il-munita l-ġdida. Per eżempju, fl-Olanda, kien hemm ħames miljun każ ta' ġbid ta' flus mill-magni fl-ewwel jumejn tas-sena. Il-volum tal-ġbid baqa' għoli sa nofs it-tieni ġimgħa, meta beda jerġa' lura għal-livelli normali.

Magni mħaddma bil-flus kontanti ġew modifikati ftit iżjed bil-mod minn aspetti oħra tal-bidla tal-kontanti. Din ma kienitx sorpriża meta wieħed iqis l-għadd enormi ta' magni (għaxar miljun magna mħaddma bil-muniti, li xi wħud minnhom kienu jaċċettaw il-karti tal-flus ukoll) li kellhom jiġu adattati u l-għadd limitat ta' tekniċi disponibbli biex jagħmlu dan ix-xogħol f'perijodu ta' żmien relattivament qasir. Madankollu, in-nies f'dawk il-pajjiżi fejn il-magni ma kienux jaċċettaw kontanti tal-euro u fejn l-adattament ħa iżjed fit-tul xorta gawded: jekk ma setgħux iħallsu għal ċerti servizzi, p.e. parkeġġ, trasport, ma ġewx immultati. Iżda l-problemi kollha tal-bidu ngħelbu wara l-ewwel ftit ġimgħat.

TISRIF TAL-KARTI TAL-FLUS NAZZJONALI BIR-RATA NOMINALI

Meta r-rati tal-kambju għall-karti tal-flus u l-muniti nazzjonali tal-pajjiżi taż-żona tal-euro ġew iffissati irrevokabbilment fl-1 ta' Jannar 1999, daww il-karti u l-muniti, f'sens legali, saru sub-unitajiet tal-euro. Minn hemm 'il quddiem, kien possibbli, ngħidu aħna, għal xi ħadd fil-Portugall jibgħat flus, denominati f'euro, permezz ta' trasferiment bankarju, lil kont bankarju fl-Olanda. Iżda l-istess persuna ma setgħetx tuża karti tal-flus jew muniti tal-euro għas-sempliċi raġuni li dawn ma ġewx introdotti qabel l-2002.

Biex jirriflettu l-iffissar irrevokabbli tar-rati tal-kambju u biex il-karti tal-flus nazzjonali tal-pajjiżi taż-żona tal-euro sa ċertu punt setgħu jilhqqu livell ta' skambju bejniethom tul dan il-perijodu transizzjonali ta' tliet snin, il-BĊN offrew li jbiddu l-karti tal-flus nazzjonali bla ħlas. Il-biċċa l-kbira tal-BĊN offrew dan is-servizz lill-pubbliku fil-fergħat kollha tagħhom, biex b'hekk kienu involuti b'kollox 500 fergħa tal-BĊN. Klijenti professjonali – banek

kummerċjali u aġenziji tal-kambju – fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, setgħu jsarrfu l-karti tal-flus nazzjonali f'post wieħed biss. Il-muniti ma kienux aċċettati minħabba li t-trasport tagħhom lura lejn il-pajjiż li kien ħarigħom kien joħloq problemi loġistiċi minħabba t-toqol u l-volum tagħhom. Il-Bundesbank tal-Ġermanja baġhat lura l-ikbar għadd ta' karti tal-flus barranin (661 miljun) lejn il-pajjiżi ta' l-orijini. Fit-tieni u t-tielet post kien hemm il-banek ċentrali ta' Franza u tal-Lussemburgu, li baġhtu lura 93 miljun u 27 miljun karta tal-flus rispettivament.

Dan it-tisrif ta' karti tal-flus bir-rata nominali għall-ewwel kien maħsub li jieqaf fil-31 ta' Diċembru 2001 mal-introduzzjoni tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro. Madankollu, biex jiffaċilita l-bidla, il-Kunsill Governattiv tal-BĊE ddeċieda li jippermetti t-tisrif tal-karti tal-flus nazzjonali sal-31 ta' Marzu 2002, u sa dakinhar il-karti tal-flus tal-euro kienu ssostitwew il-karti tal-flus nazzjonali kważi kollha.



La MISE
L'Éuro: on y en a
on y en a
L'avenir

Gros incendie
L'avenir
L'avenir



KAPITLU 5

KOMUNIKAZZJONI

Titli tal-gazzetti għall-munita l-ġdida fil-Lussemburgu f'jum l-€.

THEJJIIJA TAL-PUBBLIKU GĦALL-BIDLA

L-introduzzjoni tal-kontanti tal-euro kienet biċċa xogħol kumplessa u ambizzjuża, li kienet teħtiegħ sforzi ta' organizzazzjoni, loġistika, teknika, finanza u amministrazzjoni minn dawk kollha li kienu involuti direttament, u mhux l-inqas, mill-pubbliku. L-involvement tal-banek, tal-bejjiegħa bl-imnut, tal-kumpaniji li jgħorru l-kontanti, ta' l-industrija tal-magni tal-bejgħ u l-koordinazzjoni tax-xogħol ta' tħejjija kienu kollha essenzjali. F'ħafna pajjiżi, twaqqfu kumitati għall-bidla, li kienu magħmula mill-amministrazzjonijiet pubbliċi u mill-għaqdiet tan-negozju. Mill-1997, saru diskussjonijiet f'livell Ewropew ukoll. Per eżempju, l-IME u s-suċċessur tiegħu, il-BĊE, organizzaw laqgħat regolari ma' l-esperti tal-gvernijiet nazzjonali biex jiddiskutu firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, inklużi l-leġiżlazzjoni, il-wiri tal-prezzijiet biż-żewgħ muniti flimkien, iż-żieda jew tnaqqis tal-prezzijiet, il-kontabilità, il-VAT u kwistjonijiet oħra ta' tassazzjoni. L-IME u l-BĊE organizzaw "laqgħat għal terzi" f'livell Ewropew biex jiddiskutu kwistjonijiet marbuta mal-bidla tal-kontanti.

Fil-bidu, l-BĊE kien tal-fehma li ma jkxifx id-disinn u l-karatteristiċi tas-sigurtà tal-karti tal-flus tal-euro qabel l-1 ta' Settembru 2001, meta kellha tibda l-kunsinna tal-kontanti u l-karatteristiċi tas-sigurtà kellhom jiġu ppubblikati. Iżda minħabba l-għadd ta'

professionisti fil-maniggħ tal-flus, jiggifieri, assistenti fil-ħwienet, kaxxiera fil-ħwienet eċċ, li kellhom jiġu mħarrgħa, in-negozjanti kienu tal-fehma li erba' xhur ma kienux biżżejjed biex isir it-taħriġ, billi dawk stess li kienu se jħarrgħu kellhom l-ewwel jithargħu huma. Għalhekk, f'Jannar 2001 bdew sessjonijiet ta' "taħriġ għal min se jħarreġ" fil-fergħat tal-BĊN, għalkemm is-settijiet speċjali għat-taħriġ ma tqassmux qabel il-preżentazzjoni tal-karatteristiċi tas-sigurtà tal-karti tal-flus fit-30 ta' Awwissu 2001.

Il-BĊE nduna li min hu nieqes mid-dawl u gruppi vulnerabbli oħra kienu jeħtiegħu tagħrif dwar il-munita l-għdida minn kmieni. Minn Marzu 2001, bħala parti mill-programm tal-Kummissjoni Ewropea "L-euro b'mod faċli", il-BĊE qassam 30,000 sett ta' kampjuni tal-karti tal-flus lill-organizzazzjonijiet tal-għomja għal għanijiet ta' taħriġ. Kienu wkoll disponibbli settijiet biex jiġu mħarrgħa nies b'diżabbiltajiet oħra.

Il-kampjuni tal-karti tal-flus kienu "jinħassu" l-istess bħall-karti tal-flus tal-euro veri billi ntużat il-karta tal-karti tal-flus u għe inkluż l-istampar imqabbeż. Biex jiġi żgurat li l-kampjuni tal-karti tal-flus ma jingħarfux bħala ġenwini, in-naħat ta' wara tagħhom tħallew vojta u n-naħat ta' quddiem kienu mmarkati bil-kliem "BLA VALUR". Disinji finta, mhux dak finali, għew stampati bil-litografija.



Kxif ta' karti tal-flus tal-euro enormi fuq il-Eurotower fi Frankfurt, kwartieri ġenerali tal-BĊE, fit-30 ta' Awwissu 2001.

KAMPANJA TA' INFORMAZZJONI EURO 2002

Waqt li kienu għaddejnin it-tnejniet tekniċi u loġistiċi għall-bidla tal-kontanti, deher ċar li n-nies kienu jeħtieġu jitgħallmu dwar il-flus il-ġodda. Waqt li t-tagħrif dwar il-benefiċċji ta' żona b'munita unika u dwar ir-rati tal-konverżjoni kienu diġà ġew ippubblikati, in-nies xorta kien għadhom jeħtieġu pariri prattiċi u komprensivi dwar il-bidla.

Il-BĊE ddeċieda li jieħu inizzjattiva fuq skala mifruxa biex jinforma lill-pubbliku dwar il-karti tal-flus u l-muniti l-ġodda. F'Novembru 1999, wara sejħa pubblika għall-offerti, ingħażlet aġenzija internazzjonali tal-pubbliċità biex tgħin lill-BĊE u l-BĊN iwettqu l-“Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro 2002”.

Il-kampanja kkonċentrat fuq:

- id-dehra tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro,
- id-denominazzjonijiet tagħhom,
- il-karatteristiċi tas-sigurtà tagħhom u
- il-bidla.

L-istrateġija kienet dik ta' kampanja ta' komunikazzjoni integrata, fejn mezzijiet differenti tax-xandir kellhom jibagħtu l-istess messaġġi. Mill-bidu nett, ġie deċiż li kellu jintuża l-“metodu tal-megafawn” biex isir l-aħjar użu tar-riżorsi disponibbli u biex l-informazzjoni tixxandar b'mod kemm jista' jkun mifruq, billi l-idea kienet li kull grupp milħuq kien jgħaddi l-informazzjoni lil ħaddieħor (p.e. l-bejjiegħa bl-imnut setgħu iqassmu l-fuljetti lill-klijenti tagħhom), u iżjed ma timxi 'il quddiem il-kampanja, iżjed kellhom jintlaħqu udjenzi numerużi.

Waqt li l-għan ġenerali tal-kampanja ta' informazzjoni kien li jintlaħaq kullhaad fiż-żona tal-euro, ċerti gruppi kellhom jingħataw informazzjoni adattata għalihom. Dawn kienu jinkludu awtoritajiet nazzjonali, bħall-pulizija, dawk li jimmaniġġaw il-kontanti (p.e. assistenti fil-ħwienet u impjegati tal-banek), l-industrija tas-safar u tat-turiżmu, l-istituzzjonijiet edukattivi, il-mezzijiet tax-xandir, kif

ukoll gruppi vulnerabbli, inklużi l-għomja u dawk li jaraw ftit.

Il-kampanja kienet tinkludi:

- programm ta' assoċjazzjoni, li kien jinvolvi organizzazzjonijiet pubbliċi u privati,
- kampanja ta' pubbliċità fil-ħarifa 2001,
- websajt komprensiva, inkluża taqsima għat-tfal, u
- sena b'sensjela ta' attivitajiet ta' relazzjonijiet pubbliċi u tal-istampa biex tqajjem l-attenzjoni tal-pubbliku, tipprovdi informazzjoni, u tħeġġeġ lin-nies jitgħallmu dwar il-flus il-ġodda.

Sensjela ta' materjali ta' informazzjoni ġew prodotti biex jissodisfaw ħtiġijiet differenti. Billi l-kampanja kellha ssir fiż-żona tal-euro kollha, ġie deċiż li l-materjali tal-kampanja kellhom jiġu prodotti kollha ċentralment u mbaġħad jiġu adattati għall-użu nazzjonali. Dan żgura li l-messaġġi u l-istil kienu konsistenti. Żvilupp ċentralizzat kien ifisser li ladarba ntleħaq ftehim dwar il-kunċett, il-materjal kellu jiġi modifikat għal kull pajjiż. Għal xi materjali, dan kien ifisser sempliċement it-traduzzjoni tat-test, iżda għal materjali oħra, kellhom jiġu inklużi fatturi nazzjonali, p.e. it-tul tal-perijodu tal-bidla. Kull biċċa materjal tal-kampanja ġiet prodotta fil-ħdax-il lingwa uffiċjali tal-UE (ta' dak iż-żmien) u ġie prodott fuljett ta' informazzjoni għall-pubbliku fi 23 lingwa. Xi materjali ġew tradotti wkoll f'iżjed lingwi. Per eżempju, fi Spanja, saru traduzzjonijiet għall-lingwi ko-uffiċjali tal-gżejjer Baleariċi, il-pajjiż Bask, Catalonia, Galicia u Valencia; u fl-Irlanda, xi materjali ġew ippubblikati bil-lingwa Irlandiża.

Kellhom jiġu riżolti għadd ta' problemi li ġew identifikati fil-bidu tal-kampanja. Il-problema ewlenija kienet dik tal-karatteristiċi tas-sigurtà tal-karti tal-flus tal-euro. Fuq in-naħa l-waħda, kien meħtieġ li l-pubbliku jkun jista' jagħrafhom, iżda fuq in-naħa l-oħra dawk il-karatteristiċi ma kellhomx jinkixfu kmieni wisq, għax dan kien jagħti wisq żmien lill-falsarji ħalli jħejju ruħhom.



Il-logo tal-Programm ta' Assoċjazzjoni.

Minħabba dan, ġew prodotti żewġ settijiet ta' materjali għall-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro 2002: dawk li kien fihom xbihat tal-karti tal-flus tal-euro mingħajr il-karatteristiċi tas-sigurtà (disinji finta), u dawk bil-karti tal-flus tal-euro veri.

Il-baġit totali allokat għal din il-kampanja mill-BĊE kien ta' €80 miljun. Sa tmiem il-kampanja, ġew żviluppati u prodotti iżjed minn 30 pubblikazzjoni differenti, fi kwantitajiet li varjaw minn kopja waħda ewlenija għal iżjed minn 17-il miljun (il-fuljett ta' informazzjoni għall-pubbliku) f'lingwi diversi u mqasma fl-Ewropa kollha u lil hinn minnha.

PROGRAMM TA' ASSOĊJAZZJONI

Il-programm ta' assoċjazzjoni, li kien il-bażi tal-kampanja, ġie ispirat mill-idea tal-“megafown” bl-użu ta' sħab li jgħaddu l-informazzjoni lil terzi. Is-sħab uffiċjali kellhom aċċess għal informazzjoni

dwar il-karti tal-flus u l-muniti l-ġodda li setgħu jgħaddu lill-istaff, lill-klijenti u lill-pubbliku. Is-sħab kellhom għażla ta' materjali li fuqhom setgħu jstampaw il-logo tagħhom flimkien ma' dak tal-BĊE jew tal-bank ċentrali nazzjonali rispettiv taħt il-logo tal-programm ta' assoċjazzjoni.

Is-suċċess taż-żewġ programmi ta' assoċjazzjoni, dak nazzjonali u dak internazzjonali, kien dovut l-iżjed għall-fatt li s-sħab għarfu l-valur ta' informazzjoni preċiża u li ġejja minn ras il-għajn. Tul il-kampanja kollha baqgħu jiġu infurmati dwar l-iżviluppi permezz ta' rapporti informali, laqgħat u sessjonijiet ta' taħriġ. Biss biss, is-sħab fil-programm internazzjonali għaddew informazzjoni lil 300,000 persuna li jimmaniġġaw il-kontanti permezz ta' sessjonijiet ta' taħriġ. Aħbarijiet addizzjonali, eżempji tal-aħjar prassi u materjali li jistgħu jitniżżlu saru aċċessibbli minn żona ristretta tal-websajt dedikata tal-kampanja. Sa tmiem il-kampanja, il-programm ta' sħubija kellu iżjed minn 2,400 sieħeb nazzjonali u iżjed minn 100 sieħeb internazzjonali.

TĦABRIK GĦALL-KOMUNIKAZZJONI NAZZJONALI

Il-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro 2002 iffokat fuq kwistjonijiet li kienu jolqtu lil kulħadd: id-denominazzjonijiet tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro u d-dehra u l-karatteristiċi tas-sigurtà tagħhom. Ingħatat wkoll informazzjoni ġenerali dwar il-bidla, iżda b'inqas dettall.

Kull pajjiż taż-żona tal-euro beda wkoll attivitajiet ta' komunikazzjoni tiegħu stess fl-istess ħin tal-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro 2002, iżda b'mod komplementari. Kellhom jixxandru żewġ bçejeċ partikolari ta' informazzjoni speċifika għall-pajjiż:

- l-arranġamenti nazzjonali għall-bidla, u
- ir-rata fissa tal-konverżjoni tal-munita nazzjonali għall-euro.

B'mod ġenerali, il-bank ċentrali nazzjonali, il-ministeru tal-finanzi u t-taqsimiet kollha tal-gvern kellhom rwol essenzjali f'kull pajjiż. Il-kmamar tal-kummerċ u s-setturi bankarji u tal-bejgħ bl-imnut kellhom rwol ukoll. L-arranġamenti għall-bidla kienu jvarjaw ħafna minn pajjiż għall-ieħor minħabba l-infrastrutturi u l-kulturi speċifiċi għall-provvista tal-flus kontanti. Ma ġew stabbiliti l-ebda dati armonizzati għall-kunsinna bikrija tal-kontanti, u l-kompożizzjoni tas-settijiet tal-bidu tħallew fid-diskrezzjoni ta' kull pajjiż. F'xi pajjiżi, il-perijodu tal-bidla kien qasir ħafna jew ukoll ma kien hemm l-ebda perijodu għall-bidla (p.e. fil-Ġermanja); f'pajjiżi oħra, kien hemm perijodu massimu ta' tmien ġimgħat. Il-muniti nazzjonali setgħu, u f'xi każi għad jistgħu, jinbidlu f'euro mill-banek ċentrali nazzjonali u mill-banek kummerċjali.

Ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-attivitajiet tal-istampa kellhom sehem prominenti fil-kompożizzjoni tal-komunikazzjoni u kienu jvarjaw minn stqarrijiet għall-istampa u konferenzi stampa sa informazzjoni

maħsuba apposta għal gruppi speċifiċi, bħall-banek u l-bejjiegħa bl-imnut, minħabba li dawn kienu mezzi importanti għall-introduzzjoni tal-flus il-ġodda. Ċentri għall-ġhoti ta' informazzjoni bit-telefon u websajts dedikati saħħew il-miżuri ta' komunikazzjoni f'kull pajjiż u ħafna mill-banek ċentrali nazzjonali kkomplementaw il-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro 2002 fuq il-mezzi tax-xandir b'riklami televiżivi u avviżi fil-mezzi stampati.

F'ħafna pajjiżi kien hemm tħassib dwar il-possibbiltà li muniti mhux użati u maħżuna mill-individwi setgħu jikkawżaw kjuwizjiet twal fil-banek tul il-perijodu tal-bidla. Ġew organizzati kampanji diversi biex iħeġġu lill-individwi jaġhtu lura l-muniti tagħhom kmieni. Il-kampanja ta' l-"Operazzjoni Karus" fil-Belġju, per eżempju, dehret fuq it-televiżjoni, fl-istampa u fl-iskejjel, bħala mezz biex il-familji, permezz tat-tfal, jitħajru jbiddu l-franki Belġjani fil-karusijiet għall-euro. Kampanji biex jinġabru l-muniti mgeddsa saru wkoll fl-Awstrija, il-Finlandja, il-Ġermanja u l-Irlanda.

Ir-rati tal-konverżjoni għal 11 mit-12-il pajjiż ġew miftiehma fil-31 ta' Diċembru 1998 u daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1999. Għal xi pajjiżi, il-konverżjoni kienet sempliċi (p.e. €1 ≈ DM 2), iżda għal pajjiżi oħra, bħall-Greċja, li ssieħbu fiż-żona tal-euro fl-1 ta' Jannar 2001, din kienet iżjed ikkumplikata: 340.75 drachmi kienu daqs €1. Għalhekk kull pajjiż taż-żona tal-euro pproduċa informazzjoni dwar il-konverżjoni tal-munita nazzjonali għall-euro. Per eżempju, fi Franza tqassmu fuljetti daqs karta tal-kreditu magħmula minn materjal li la jitqatta' u lanqas jittabba'; f'dawn wieħed seta' jara l-valuri tal-ammonti differenti ta' euro fi franki u vice versa. Fl-Irlanda, tqassmu kalkolatur u fuljett ta' informazzjoni f'kull dar.



Studenti qed jirrikamaw il-flus il-ġodda f'ċentru ta' ħwienet f'Dublin.

RIĊERKA GĦALL-KAMPANJA

Mill-bidu nett, l-effiċjenza tal-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro 2002 ġiet ittestjata permezz ta' riċerka kwalitattiva, li ntużat biex jiġi definit l-istil kreattiv tal-kampanja, u riċerka kwantitattiva, li identifikat in-nuqqasijiet fit-tagħrif li kellhom jiġu indirizzati, kif ukoll l-atteġġjamenti tal-pubbliku lejn il-bidla u lejn il-karti tal-flus u l-muniti l-ġodda. B'hekk kien iżjed faċli li tittejjeb l-istrateġija tal-kampanja. Minħabba li l-kampanja kienet mhux biss importanti iżda wkoll bla preċedenti, għal raġunijiet ovvji, ir-riċerka kienet parti vitali tal-istrateġija. Wara kollox, jekk il-messaġġi ma kienux qed jilħqu lill-pubbliku in general, ma kienx hemm ħin biex il-kampanja tinbidel u terġa tibda.

Ir-riċerka kwalitattiva bdiet minnufih, u ttestjat ideat li kellhom jintużaw fil-materjali kollha tal-kampanja. Billi dawn il-materjali kienu se jintużaw fiż-żona tal-euro kollha, kellhom ikunu attraenti għall-pubbliku ta' ħafna pajjiżi differenti, mill-Finlandja sal-Portugall, mill-Irlanda sal-Greċja. Kienu meħtieġa temi li jiġbdu l-attenzjoni tal-ikbar għadd possibbli ta' nies mingħajr ma jitgerrex ħadd.

Biex jintlaħaq dan il-għan, saret riċerka ma' gruppi magħżula; ġew intervistati gruppi żgħar ta' adulti, anzjani, tfal u maniġers ta' intrapriżi żgħar. It-tweġibiet ta' dawn il-gruppi kollha wrew li kien meħtieġ li l-kampanja ssir iżjed attraenti. Barra dan, il-messaġġi kellhom jinżammu sempliċi u kull riklam kellu jwassal messaġġ wieħed biss, kemm fuq it-televiżjoni kemm fl-istampa, biex tiġi evitata l-konfużjoni.

Dawn is-sejbiet saru parti mill-proċess ta' żvilupp kreattiv u f'Novembru 2000 bdiet it-tieni fażi tar-riċerka. Din uriet li l-materjal tal-kampanja kien ittejjeb b'mod sinifikanti. Iżda deher ċar ukoll li kien għadha meħtieġa traċċa umana, fejn in-nies setgħu iħarsu lejn il-karti tal-flus tal-euro jew jużawhom, u kwalità aqwa fil-materjal li setgħu jisimgħu u jaraw, biex tintlaħaq preżentazzjoni iżjed dinamika.

Il-materjali kreattivi finali kienu jinkludu "diskors stampat" bis-slogan tal-kampanja: "l-EURO. FLUSNA". Dan is-slogan ġie ttestjat ukoll fir-riċerka kwantitattiva tal-kampanja. Is-sentiment ġenerali kien li l-semplikità tiegħu wasslet il-messaġġ li l-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kienu "jappartienu" lin-nies komuni.

Il-programm tar-riċerka kwantitattiva stima t-tagħrif u l-atteġġjamenti tan-nies fiż-żona tal-euro fil-konfront tal-introduzzjoni tal-kontanti tal-euro, b'mod partikolari l-aspetti prattiki tal-bidla. Saru erba' fażijiet ta' riċerka kwantitattiva bejn Settembru 2000 u Frar 2002. L-ewwel fażi kienet maħsuba biex isservi bħala bidu għall-kampanja, u warajha kellha ssir reviżjoni ta' nofs il-perijodu fi Frar 2001. It-tielet fażi, li saret f'Novembru 2001, serviet l-ewwelnett bħala kontroll qabel l-introduzzjoni tal-flus il-ġodda, kif ukoll bħala valutazzjoni parzjali tal-kampanja. Fi Frar 2002, saret l-aħħar fażi tar-riċerka biex issir stima kemm tal-kampanja ġenerali kif ukoll tal-bidla.


Il-ħidma prattika għal kull fażi tar-riċerka saret fil-pajjiżi kollha taż-żona tal-euro. Saru intervisti wiċċ imbwiċċ ma' 500 persuna magħżula kif ġie minn kull pajjiż, inklużi adulti, tfal u kaxxiera. Għal kull waħda mill-ewwel tliet fażijiet tar-riċerka, l-għan kien li jsir magħruf kemm in-nies kienu jafu dwar il-munita l-ġdida. Per eżempju, sa tmieħ it-tielet fażi, it-tagħrif dwar il-karatteristiċi tas-sigurtà tal-karti tal-flus żdied bi 12% fost l-adulti u 17% fost il-maniġers tal-intrapriżi ż-żgħar.

the **EURO.** **OUR** *money*

Is-slogan tal-kampanja, li ġie tradott fi 23 lingwa.



Speċjalisti mill-Publicis, l-aġenzija magħżula mill-BĊE biex torganizza l-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro 2002, qed iħejju r-riklami.



Ritratt elettroniku tal-websajt dedikata għall-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro 2002.

WEBSAJT TAL-KAMPANJA

Il-websajt dedikata għall-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro 2002 twaqqfet fl-1 ta' Marzu 2001. Din ipprovdiet informazzjoni dwar l-euro u b'mod partikolari għamlet enfasi fuq il-messaġġi ewlenin tal-kampanja. Barra dan, is-sit kien fih taqsimiet speċjali għal gruppi ewlenin partikolari, bħall-mezzi tax-xandir, il-membri tal-programm ta' assoċjazzjoni fil-livell nazzjonali u internazzjonali, u t-tfal. Is-sit kellu seba' taqsimiet differenti bil-kuluri tas-seba', karti tal-flus tal-euro. Bħalma sar għall-materjali l-oħra tal-kampanja, is-sit kien bil-ħdax-il lingwa uffiċjali tal-UE ta' dak iż-żmien, u pprova link għall-websajts tal-banek ċentrali nazzjonali.

Kull taqsima kellha fokus partikolari. *Karti tal-flus u muniti ta' l-euro* kien fiha l-iżjed informazzjoni importanti tal-kampanja: id-dehra, id-denominazzjonijiet u l-karatteristiċi tas-sigurtà tal-flus il-ġodda. Taqsima oħra, *Thejjiġa għall-euro*, kienet dwar l-arranġamenti għall-bidla tal-kontanti u kien fiha sub-taqsima, *Is-safar fiż-żona tal-euro*.

Tliet taqsimiet kienu maħsuba għal udjenzi speċifiċi. *Informazzjoni għall-organizzazzjonijiet* għenet lin-negozjanti jħejju l-istaff tagħhom u jimmaniġġaw kunsinni bikrin ta' kontanti, u offriet ukoll materjali ta' komunikazzjoni li setgħu jitniżżlu. *Aħbarijiet u għajriet* kienet maħsuba prinċipalment għall-ġurnalisti u kien fiha stqarrijiet għall-istampa, settijiet għall-istampa u kuntatti għall-mezzi tax-xandir, kif ukoll deskrizzjoni qasira tal-kampanja. Iż-*Żona tat-tfal* kien fiha logħba biex tgħin lit-tfal ħalli jitgħallmu dwar il-karti tal-flus u l-muniti, u dawk ta' bejn it-tmienja u l-għaxar snin setgħu jieħdu sehem f'kompetizzjoni onlajn, "Sir SuperStar tal-Euro".

Il-websajt irċeviet gelgul ma jaqta' xejn ta' żjarat fl-aħħar żmien ta' qabel il-bidla, bil-biċċa l-kbira taż-żjarat – iżjed minn miljun – f'Diċembru 2001 u Jannar 2002. Is-sit kellu rwol vitali ta' sostenn fil-kampanja, b'mod partikolari għall-programm ta' assoċjazzjoni, li serva bħala mezz irħis ta' distibuzzjoni, barra milli pprova l-programm RP u dak għall-istampa.

ATTIVITAJIET TAL-ISTAMPA U RELAZZJONIJIET PUBBLIĊI

Programm għar-Relazzjonijiet Pubbliċi u għall-istampa, li kien parti ewlenija tal-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro 2002, kien jinkludi attivitajiet koordinati li għenu kemm lill-istampa kif ukoll lill-pubbliku biex ikunu iżjed konxji dwar il-karti tal-flus u l-muniti l-ġodda.

Ġie kkompilat "Kalendarju għall-għadd tal-aħħar ġranet sa jum l-€" biex jipprovdi lill-mezzi tax-xandir b'informazzjoni awtorevoli f'dati speċifiċi. Ġew ikkompilati settijiet għall-mezzi tax-xandir għal seba' dati ewlenin, li bdew f'jum l-€ -365, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2001, u ntemmu f'jum l-€ -1, jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2001. Kull sett kien fih varjetà ta' materjali miktuba u illustrativi, bħalma huma fuljetti u CD-ROMs, u s-settijiet intbagħtu lil madwar 300 persuna fil-qasam tal-mezzi tax-xandir nazzjonali u internazzjonali, prinċipalment fiż-żona tal-euro.

Kien hemm ukoll sensiela ta' konferenzi relatati mal-kampanja, li saru fi 11 mit-12-il pajjiż taż-żona tal-euro. Kull konferenza laqqgħat flimkien parteċipanti nazzjonali biex tiġbed l-attenzjoni għal fuq l-aspetti nazzjonali tal-bidla tal-flus u t-tnejjiet li kienu qed isiru mill-industrija ewlenin, inklużi s-setturi finanzjarji, tal-bejgħ bl-imnut u tas-safar. Kull konferenza ġibdet attenzjoni sinifikanti min-naħa tal-mezzi tax-xandir, u dan parzjalment minħabba għadd ta' parteċipanti magħrufa sew; il-konferenzi kienu mezz effettiv ta' komunikazzjoni.

Attività waħda ta' Relazzjonijiet Pubbliċi kienet maħsuba għat-tfal tal-età bejn it-tmienja u t-tnax-il sena, u dan mhux biss għax kien jeħtieġilhom jitgħallmu dwar il-munita l-ġdida, iżda wkoll għax seta' jkollhom rwol vitali biex jgħaddu l-informazzjoni lill-ġenituri tagħhom u lil membri oħra tal-familja. Ir-rebbieħa, 24 "Superstars tal-Euro", ġew mistiedna għal ċerimonja tal-għoti tal-premijiet fil-BĊE, fi Frankfurt, fil-31 ta' Diċembru 2001. Mingħand il-President tal-BĊE ta' dak iż-żmien, Willem F. Duisenberg, huma nġhataw "karus" speċjali, li kien juri sett ta' karti tal-flus tal-euro, u kompjuter żgħir li jista' jinġarr (*laptop*); dan wara li kienu raw wirja mużikali li tat il-ħajja lill-persunaġġi tal-poster tal-kompetizzjoni "Sir Superstar tal-Euro".

Minbarra l-ġrajja tas-Superstar tal-Euro, li kienet tinkludi konferenza stampa speċjali lejlet il-bidla tal-flus, il-BĊE organizza wkoll żewġ ġrajjet oħra. Waħda kienet konferenza stampa fl-1 ta' Marzu 2001 fejn ingħatat deskrizzjoni tat-temi ewlenin tal-kampanja u fejn intwera għall-ewwel darba is-slogan tal-kampanja. Il-ġrajja l-oħra, konferenza stampa wkoll, saret fit-30 ta' Awwissu 2001 u din ġiet irrappurtata b'mod estensiv. Għall-ewwel darba, il-President tal-BĊE wera l-veri karti tal-flus tal-euro. Minħabba li sa dak il-mument il-karatteristiċi tas-sigurtà kienu nżammu sigrieti, il-konferenza ġibdet ħafna attenzjoni, b'iżjed minn 500 ġurnalist, 39 ekwipaġġ tal-kameras u ħafna stazzjonijiet tat-televiżjoni li xandru l-ġrajja dak il-ħin stess minn-Neue Oper ta' Frankfurt. Żewġ xbihat minn dik il-ġrajja ġew stampati fil-gazzetti tad-dinja kollha: waħda ta' Willem F. Duisenberg bi stilla f'idej li kien fiha l-karti tal-flus tal-euro u waħda ta' strixxa kbira mdendla mal-Eurotower li fuqha kienu jidhru l-karti tal-flus.



Poster għall-kompetizzjoni onlajn għat-tfal, "Kun Superstar tal-Euro".

KAMPANJA FIL-MEZZI TAL-KOMUNIKAZZJONI TAL-MASSA

Din kienet l-iżjed parti viżibbli tal-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro u kien fiha tliet elementi: riklamar onlajn, u kampanji fuq il-mezzi tax-xandir nazzjonali u internazzjonali. L-għan kien li jiġi żgurat li mill-inqas 80% tal-popolazzjoni taż-żona tal-euro setgħu jaraw kull riklam tal-inqas 2½ drabi, waqt li ngħatat iżjed attenzjoni lin-nisa tad-dar u lill-anzjani.

L-istrateġija kienet maħsuba biex ittejjeb l-għarfien tan-nies permezz ta' sensiela ta' "splużjonijiet" ta' riklami, li kienu jikkonsistu f'sensiela ta' seba' riklami televiżivi u tmien riklami stampati, li deheru għall-ewwel darba fl-aħħar ta' Settembru 2001. L-aħħar mewġa ta' riklami stampati dehret fi Frar 2002; din reġgħet iffokat fuq il-karatteristiċi tas-sigurtà u wasslet għat-tmiem tal-kampanja. B'kollox, bejn Settembru 2001 u Frar 2002, ir-riklami televiżivi deheru 10,000 darba, u saru 800 riklam stampat f'pubblikazzjonijiet fiż-żona tal-euro kollha.

Minbarra l-kampanja fil-mezzi tal-komunikazzjoni tal-massa fiż-żona tal-euro, saret kampanja internazzjonali maħsuba għal udjenzi f'pajjiżi Ewropej oħra, kif ukoll fl-Asja, l-Amerika ta' fuq u l-Amerika Latina. F'kull reġjun, l-għan kien li jintlaħqu l-ogħla 10-20% tal-popolazzjoni (f'termini ta' edukazzjoni u dħul) kif ukoll vjaġġaturi potenzjali lejn iż-żona tal-euro. Biex jintlaħaq dan il-għan, ir-riklami stampati deheru f'gazzetti u rivisti internazzjonali, bħalma huma l-*Financial Times* u *Time*. Kartelluni tqiegħdu għall-wiri wkoll fl-ajruporti taż-żona tal-euro, kif ukoll fl-ajruport ta' Londra, Heathrow, u dan kien komplementat minn tagħrif waqt it-titjiriet, f'forma kemm elettronika kif ukoll stampata.

Il-kampanja kienet tinvolvi sensiela ta' materjali, inklużi:

- Ġabra ta' tagħrif dwar il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro għall-pubbliku in ġenerali, b'fatti dwar id-dehra u d-denominazzjonijiet tal-flus il-ġodda, kif ukoll b'dettalji dwar il-bidla.
- Materjali għat-taħriġ tal-kaxxiera, l-assistenti fil-ħwienet eċċ. Kull ġabra kien fiha CD-ROM interattiv, fuljett u vidjo, b'tagħrif dettaljat dwar kif wieħed jagħraf il-karti tal-flus tal-euro ġenwini.
- Serje ta' riklami stampati b'tagħrif dwar kif wieħed jagħraf l-ologramma u l-watermark ta' karta tal-flus tal-euro.
- Fuljett b'tagħrif għall-pubbliku li tqassam fil-biċċa l-kbira tad-djar fiż-żona tal-euro. Minn dawn ġew prodotti 17-il miljun, fi 18-il verżjoni differenti, b'kopji ewlenin fi 12-il verżjoni lingwistika oħra għan-nies ta' barra ż-żona tal-euro.

the EURO. OUR money

the EURO. OUR money

the EURO. OUR money

欧元，我们的货币

作好准备，迎接欧元

Fuljett b'taġħrif għall-pubbliku – bl-Ingliż u biċ-Ċiniż.

the EURO. OUR money

the EURO. OUR money

the EURO. OUR money

Join the party! Starting 1 January 2002, all euro area banknotes and coins will be introduced into circulation. This will mean that you will be able to use the euro in all euro area countries. It's a great time to get ready for the new money. You can start by exchanging your old money for the new money. For more information, visit the website www.euro.europa.eu.

Join the party! Starting 1 January 2002, all euro area banknotes and coins will be introduced into circulation. This will mean that you will be able to use the euro in all euro area countries. It's a great time to get ready for the new money. You can start by exchanging your old money for the new money. For more information, visit the website www.euro.europa.eu.

Join the party! Starting 1 January 2002, all euro area banknotes and coins will be introduced into circulation. This will mean that you will be able to use the euro in all euro area countries. It's a great time to get ready for the new money. You can start by exchanging your old money for the new money. For more information, visit the website www.euro.europa.eu.

STORIA UNICA EUROPEA

STORIA UNICA EUROPEA

STORIA UNICA EUROPEA

STORIA UNICA EUROPEA

Kartelluni ta-kampanja.





KAPITLU 6

KARATTERISTIĊI TAS-SIGURTÀ TAL-KARTI TAL-FLUS TAL-EURO

Strixxi olografiċi li qed jiġu applikati fil-karta użata għall-karti tal-flus tal-euro.

Id-dehra tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro kienet parti importanti tal-Kampanja ta' Informazzjoni dwar l-Euro 2002. Din ingħatat ħafna pubbliċità u n-nies malajr kienu f'pożizzjoni li jagħrfu d-denominazzjonijiet differenti mad-daqqa t'għajn. Fil-kampanja, il-karatteristiċi tas-sigurtà tal-karti tal-flus ingħataw fokus ewlieni wkoll. Kien meħtieġ li kemm il-pubbliku kif ukoll il-professjonisti fil-maniġġ tal-flus isiru jafu dwar dawn il-karatteristiċi biex ikunu jistgħu jagħrfu karta tal-flus ġenwina.

Il-karti tal-flus jiġu prodotti bl-użu ta' teknoloġija sofistikata tal-istampar u l-karatteristiċi tas-sigurtà tagħom jgħinu biex jingħarfu faċilment mill-karti tal-flus foloz. Il-karti tal-flus tal-euro jistgħu jiġu ċċekkjati b'modi diversi. Xi utenti jiċċekkjaw il-karatteristiċi li jidhru mingħajr lenti, bħalma hi l-watermark. Oħrajn, b'mod partikolari meta jkunu qed iħallsu jew jirċievu flus kontanti f'supermarket, jiċċekkjaw jekk il-karta tal-karta tal-flus tkunx soda u tqarqaċ, u jekk l-istampar ikunx imqabbeż f'xi partijiet.

Il-kaxxiera u l-assistenti tal-ħwienet jistgħu jiċċekkjaw karatteristiċi oħra bl-użu ta' lampa ultravjola (UV). Il-karti tal-flus tal-euro fihom ukoll ħafna karatteristiċi moħbija, li jistgħu jingħarfu minn apparat apposta fil-magni tal-bejgħ u fil-magni li jagħżlu l-flus b'ħeffa kbira ġewwa l-banek ċentrali. L-iżjed karatteristiċi sofistikati u moħbija jistgħu jiġu ċċekkjati biss b'sensors ta' teknoloġija għolja li huma disponibbli għall-banek ċentrali biss u huma magħrufa biss minn ftit manifatturi tas-sensors. Għalhekk, ftit hemm probabbiltà li l-banek ċentrali aċċidentalment jerġgħu joħorġu flus foloz fiċ-ċirkolazzjoni li jkunu rċevew mill-banek jew mingħand il-bejjieġha bl-imnut.


Il-karatteristiċi tas-sigurtà jvarjaw skond il-karta tal-flus: il-karti tal-flus ta' valur baxx (€5, €10 u €20) fihom strixxa olografika fuq in-naħa ta' quddiem u strixxa tleqq fuq wara, waqt li l-karti tal-flus ta' valur għoli (€50, €100, €200 u €500) għandhom roqgħa olografika fuq in-naħa ta' quddiem, u numru li jkangì fuq wara.

Minħabba li l-falsarji x'aktarx jikkonċentraw fuq ċerti karatteristiċi biss ta' karta tal-flus, u mhux dejjem jirnexxielhom bl-istess mod, l-utenti għandhom dejjem jiċċekkjaw karatteristiċi tas-sigurtà differenti billi jħossu, iħarsu lejn, u jmejlu l-karta tal-flus. **ĦOSS** tirreferi għal dawk il-karatteristiċi li jinħassu. **ĦARES** tirreferi għal dawk il-karatteristiċi li jidhru meta wieħed iżomm il-karta tal-flus kontra d-dawl. **MEJJEL** tirreferi għal dawk il-karatteristiċi li "jiċċaqalqu" jew jibdlu l-kulur. Il-kaxxiera jistgħu jiċċekkjaw iżjed karatteristiċi permezz ta' tagħmir sempliċi. Il-karatteristiċi tas-sigurtà kollha tal-karti tal-flus tal-euro li huma magħrufa pubblikament jidhru hawn taħt.

ĦOSS

- *Il-karta*
Ħoss il-karta tal-flus tqarqaċ u soda.
- *Stampar imqabbeż*
Ħoss l-istampar imqabbeż b'difrek.

Watermark
Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl u għandek tara xbieha sfumata u ċ-ċifra tal-valur.



Fil tas-sigurtà
Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl u għandek tara linja skura għaddejja minn ġewwa l-karta.



Kif tinħass il-karta
Foss il-karta tal-flus. Għandha tkun tqarqaċ u soda. Għaddi sebgħek fuq il-wiċċ tal-karta tal-flus u għandek tħoss li f'xi partijiet il-linka hi eħxen.



Ologramma
Mejjel il-karta tal-flus. Fl-ologramma tal-karti tal-flus tal-€50, €100, €200 u €500 għandek tara l-valur tal-karta tal-flus u tieqa jew bieb.




Numru li jkanġi
Mejjel karta tal-flus tal-€50, €100, €200 jew €500. In-numru jibdel il-kulur minn vjola għal aħdar żebbuġi jew kannella.



ĦARES

- **Watermark**
Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl u tara l-watermark. Qiegħed il-karta tal-flus fuq wiċċ skur u l-partijiet iċ-ċari jiskuraw. Dan l-effett jidher ċar ħafna fil-parti tal-watermark li turi l-valur.
- **Fil tas-sigurtà**
Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl - il-fil jidher bħala strixxa skura. Il-kelma "EURO" u ċ-ċifra tal-valur huma stampati fuq din l-istrixxa.
- **Numru li jidher sħiħ biss kontra d-dawl**
Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl u l-marki parzjali stampati fir-rokna ta' fuq tal-karta tal-flus, fuq iż-żewġ naħat, jingħaqdu b'mod perfett biex jiffurmaw iċ-ċifra tal-valur.
- **Perforazzjonijiet**
Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl u tara perforazzjonijiet fl-istrixxa jew fir-roqgħa olografika li jiffurmaw is-simbolu €.



Watermark

Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl u għandek tara xbieha sfumata u ċ-ċifra tal-valur.



Fil tas-sigurtà

Żomm il-karta tal-flus kontra d-dawl u għandek tara linja skura għaddejja minn ġewwa l-karta.

Kif tinħass il-karta

Hoxx il-karta tal-flus. Għandha tkun tqarqaċ u soda. Għaddi sebgħek fuq il-wiċċ tal-karta tal-flus u għandek tħoss li f'xi partijiet il-linka hi eħxen.



Ologramma

Mejjel il-karta tal-flus. Fl-ologramma tal-karti tal-flus tal-€5, €10 u €20 għandek tara l-valur tal-karta tal-flus u s-simbolu tal-euro (€).

MEJJEL

- *Roqgħa olografika (karti tal-flus tal-€50, €100, €200, u €500)*
Mejjel il-karta tal-flus u x-xbieha olografika turi daqqa ċ-ċifra tal-valur u daqqa tieqa jew bieb.
- *Strixxa olografika (karti tal-flus tal-€5, €10, u €20)*
Mejjel il-karta tal-flus u x-xbieha olografika turi daqqa ċ-ċifra tal-valur u daqqa s-simbolu tal-€. Fit-truf, ittri żgħar ħafna juru l-valur.
- *Numru li jkangì (karti tal-flus tal-€50, €100, €200 u €500)*
Mejjel il-karta tal-flus - iċ-ċifra tal-valur tiddel il-kulur minn vjola għal aħdar żebbuġi jew kannella.
- *Strixxa tleqq (karti tal-flus tal-€5, €10, u €20)*
Mejjel il-karta tal-flus - u tara strixxa lewn id-deheb. Din turi ċ-ċifra tal-valur u s-simbolu tal-€.

IĊĊEKKJA B'LAMPA ULTRAVJOLA

- *Fluworexxenza UV*
Taħt dawl UV,
 - *il-karta nnifisha ma tixgħelx*
 - *il-ħjut integrati jixegħlu ħomor, blu u ħodor*
 - *il-bandiera tal-Unjoni Ewropea tidher ħadra bi stilel oranġjo*
 - *il-firma tal-President tal-BĊE ssir ħadra*
 - *l-istilel il-kbar u ċ-ċrieki ż-żgħar fuq in-naħa ta' quddiem jixegħlu, kif jixegħlu wkoll il-mappa, il-pont u ċ-ċifra tal-valur fuq in-naħa ta' wara.*

IĊĊEKKJA B'LENTI

- *Stampar irqiq ħafna*
F'partijiet differenti tal-karta tal-flus hemm stampar b'ittri żgħar ħafna. Hi meħtieġa lenti biex dan jinqara. L-istampar irqiq jidher ċar ħafna u mhux sfukat.

KONT TAF?

- *Xi karatteristiċi tal-karti tal-flus jistgħu jiddeterjoraw jekk il-karti tal-flus ma jgħux ittrattati sew. Per eżempju, il-karta ta' karta tal-flus li tkun għet maħsula aċċidentalment tista' tixgħel taħt lampa UV. Biex tiċċekkja għal darba tnejn jekk il-karta tal-flus tkunx ġenwina uża t-test ħoss-ħares-mejjel.*
- *Il-karti tal-flus tal-euro għandhom il-firma ta' Willem F. Duisenberg, l-ewwel President tal-Bank Ċentrali Ewropew, jew ta' Jean-Claude Trichet, li laħaq warajh fl-1 ta' Novembru 2003. Il-karti tal-flus b'waħda jew l-oħra fost dawn iż-żewġ firem huma validi bl-istess mod.*





KAPITLU 7

ŻVILUPPI ATTWALI U FUTURI

Triq tal-passiġġati fejn il-port Dun Laoghaire, I-Irlanda.

Iċ-ċirkolazzjoni tal-karti tal-flus tal-euro żdiedet ħafna mill-2002 meta dawn ġew introdotti, kemm f'termini ta' għadd kif ukoll ta' valur, u hemm ħjiel li sat-tmiem tal-2006 sehem konsiderevoli – 15% tal-valur totali tal-karti tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni – kienu jinsabu barra ż-żona tal-euro. Minħabba li n-nuqqas ta' fiduċja tal-pubbliku fil-karti tal-flus tal-euro jista' jipperikola l-funzjoni tagħhom bħala mezz ta' ħlas, mill-bidu nett il-BĊE ssorvelja l-iżviluppi fis-sitwazzjoni tal-provvista tal-flus u fiċ-ċirkolazzjoni, f'termini kemm ta' volum kif ukoll ta' kwalità tal-karti tal-flus. Permezz ta' sorveljanza tal-livelli tal-ħażniet tal-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) u ta' koordinament ta' trasferimenti trans-konfini ta' volumi kbar mill-BĊN li kellhom ħażniet żejda lejn dawk il-BĊN li kellhom livelli baxxi ta' ħażniet, il-BĊE żgura li d-domanda għall-karti tal-flus setgħet tiġi sodisfatta b'mod effiċjenti fiż-żona tal-euro u lil hinn minnha.

L-Eurosistema mhux biss tiżgura li karti tal-flus li jkun għandhom kif ġew stampati jkunu tal-istess kwalità għolja, iżda jiżgura wkoll li l-karti tal-flus jibqgħu f'kondizzjoni tajba wara li jtilqu mill-kmamar tas-sigurtà tal-banek ċentrali. Kwalunkwe nuqqas fil-kwalità tagħhom waqt iċ-ċirkolazzjoni minħabba l-użu jew it-tqagħbir, jista' jfisser, per eżempju, li jiġu rrifjutati mill-magni tal-bejgħ. Jekk karti tal-flus bħal dawn ma jiġux irtirati, jista' jkun ukoll iżjed diffiċli li jingħarfu l-karti tal-flus foloz. Għalhekk ġew definiti standards minimi komuni dwar il-kwalità tal-karti tal-flus li jistgħu jinħarġu; l-għan kien li l-magni tal-BĊN li jagħżlu l-flus b'ħeffa kbira, u li jawtentikaw u jiċċekkjaw il-kondizzjoni ta' karta tal-flus f'tebqa t'għajn, ikunu jistgħu jipproċessaw il-karti tal-flus tal-euro. Fejn kien meħtieġ, il-BĊN ħadu passi biex jiżguraw li ċerti denominazzjonijiet jerġgħu lura għandhom iżjed spiss, biex ikunu jistgħu jneħħu l-karti tal-flus mgħarrqa miċ-ċirkolazzjoni.

L-Eurosistema qiegħda wkoll tissorvelja mill-qrib l-iżviluppi ġodda fl-organizzazzjoni taċ-ċikli tal-flus li qed jinbdew mill-banek kummerċjali. Fl-2002, termini minimi ta' referenza komuni għall-kwalità u l-awtentikazzjoni tal-karti tal-flus ġew miftehma

mal-manifatturi tal-magni għar-riċiklaġġ tal-flus u mal-Assoċjazzjonijiet tas-Settur tal-Kreditu Ewropew. Il-magni għar-riċiklaġġ tal-flus huma mħaddma mill-klijent mingħajr il-preżenza ta' kaxxier, u jistgħu jirċievu, jipproċessaw u joħorġu karti tal-flus permezz ta' proċess awtomatizzat għal kollox. It-termini ta' referenza jiżguraw li l-karti tal-flus jiġu ċċekkjati b'mod affidabbli għall-awtentiċità u l-kondizzjoni tagħhom qabel ma jinħarġu. F'Diċembru 2004, dawn it-termini ta' referenza ġew estenzi biex jinkludu l-“Qafas għall-kxif ta' flus foloz u l-għażla skond il-kondizzjoni minn istituzzjonijiet tal-kreditu u minn professjonisti oħra fil-maniġġ tal-flus”. Il-qafas fih ir-rekwiżiti li għandhom isegwu l-banek u l-kumpaniji li jgħorru l-flus, meta huma joħorġu karti tal-flus li jkunu rċevew mingħand il-klijenti tagħhom – jew permezz tal-magni li jirriċiklaw il-karti tal-flus jew permezz tal-magni li jimmaniġġaw il-karti tal-flus imħaddma mill-persunal. Il-qafas il-ġdid ikompli jnaqqas ir-riskju li, aċċidentalment, il-banek joħorġu karti tal-flus foloz. Mod wieħed biex isir dan hu li l-banek u l-kumpaniji li jgħorru l-flus iħaddmu biss magni għar-riċiklaġġ u l-maniġġ tal-flus li jkunu għaddew mit-testijiet ta' bank ċentrali.

L-euro qed jimmatūra sew u l-Eurosistema issa għandha ħafna esperjenza li kisbet mill-introduzzjoni tal-karti tal-flus u tal-muniti u mill-maniġġ taċ-ċirkolazzjoni tagħhom. L-esperjenza se tintuża biex jiġu introdotti l-flus kontanti tal-euro fil-pajjiżi membri l-ġodda tal-Unjoni Ewropea. Mill-2007 'l quddiem, l-euro se jissostitwixxi ftit ftit il-muniti nazzjonali tat-12-il pajjiż li ssieħbu mal-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Mejju 2004: il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakja u s-Slovenja. Fost it-12, l-ewwel pajjiż li ssieħeb maż-żona tal-euro kien is-Slovenja f'Jannar 2007.

Bħala munita aċċettata u użata fil-kummerċ kullimkien, l-euro jiġbed l-attenzjoni tal-falsarji. Madankollu, l-għadd ta' karti tal-flus foloz hu parti żgħira ħafna minn madwar 11-il biljun karta tal-flus tal-euro fiċ-ċirkolazzjoni.



F'att simboliku, Jean-Claude Trichet, President tal-Bank Ċentrali Ewropew, jagħti merħba lill-għaxar membri l-ġodda tal-Unjoni Ewropea fil-Bank Ċentrali Ewropew fl-2004.

B'x tibqa' dejjem pass iżjed 'il quddiem mill-falsarji, l-Eurosistema l-ħin kollu tissorvelja s-sitwazzjoni tal-flus foloz u l-iżviluppi fl-istampar u r-riproduzzjoni, u tiżviluppa wkoll karatteristiċi tas-sigurtà ġodda u mezzi tekniċi ġodda għall-produzzjoni tal-karti tal-flus.

Karatteristika tas-sigurtà tibda "tiqdiem" malli toħroġ is-serje tal-karti tal-flus – ovvjament, biż-żmien, l-għarfien tal-falsarji dwar il-karatteristiċi tas-sigurtà dejjem jiżdied. Għalhekk, l-awtoritajiet li joħroġu l-flus is-soltu jirfinawhom, jiġifieri, jtejbu s-serje tal-karti tal-flus wara li dawn ikunu ilhom fiċ-ċirkolazzjoni għal xi snin.

Fil-fatt, l-ippjanar ta' serje ġdida tal-karti tal-flus tal-euro diġà avanza mhux ħażin. Se jkunu inkorporati karatteristiċi tas-sigurtà ġodda, iżda mill-bqija dan se jkun kontinwazzjoni tas-serje attwali: il-karti tal-flus se jkollhom l-istess denominazzjonijiet – minn €5 sa €500 – u se jkunu bbażati fuq il-kunċett tad-disinn attwali, iż-"Żminijiet u l-istili tal-Ewropa", u b'hekk jingħarfu mill-ewwel bħala karti tal-flus tal-euro.

L-ewwel pass fl-iżvilupp tas-serje l-ġdida kien l-elenkar tal-kriterji tas-sigurtà. Ġew ikkonsultati gruppi differenti ta' utenti tal-karti tal-flus biex jinħolqu karti tal-flus li huma faċli fl-użu, li jkunu sempliċi fil-maniġġ fil-ħwienet u f'postijiet oħra, li jistgħu jiġu ċċekkjati mingħajr tagħmir speċjali, kif ukoll mis-sensors tal-magni. Imbagħad hemm il-fażi tal-validazzjoni industrijali, fejn il-karatteristiċi tas-sigurtà jiġu ttestjati għar-reżistenza tagħhom fl-użu u għal fatturi oħra tal-kwalità, kif ukoll għal kemm huma adattati għall-produzzjoni fuq skala kbira.

L-iżvilupp u l-produzzjoni tal-karti tal-flus tal-euro l-ġodda se jieħdu xi ftit żmien, u dawn il-flus se jinħarġu fiċ-ċirkolazzjoni ftit ftit, tul perijodu ta' snin. Is-sekwenza u ż-żmien tal-introduzzjoni se jiddependu fuq id-disponibbiltà tal-karatteristiċi tas-sigurtà l-ġodda u fuq is-sitwazzjoni tal-flus foloz. L-ewwel karta tal-flus ġdida mistennija toħroġ lejn l-aħħar ta' dan il-perijodu ta' għaxar snin.

© Bank Ċentrali Ewropew, 2007

INDIRIZZ

Kaiserstrasse 29
60311 Frankfurt am Main, il-Ġermanja

INDIRIZZ POSTALI

Postfach 16 03 19
60066 Frankfurt am Main, il-Ġermanja

TELEFON

+ 49 69 1344 0

WEBSAJT

www.ecb.europa.eu

FAKS

+ 49 69 1344 6000

TELEX

411 144 ecb d

RITRATTI

Deutsche Bundesbank
Komunità Ewropea
Bank Ċentrali Ewropew

ISBN: 978-92-899-0331-8 (onlajn)

